IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.4.2026
COM(2026) 152 final

2026/0084 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Servizzi Spazjali u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/696

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-att ta' twaqqif tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSAPA, European Union Agency for the Space Programme) ("l-Aġenzija") huwa r-Regolament (UE) 2021/696. It-Titolu IX jipprevedi għanijiet, statut, kompiti u responsabbiltajiet li jirrikjedu li l-Aġenzija tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-komponenti tal-programm spazjali stabbiliti għall-perjodu 2021-2027. Filwaqt li l-programm ġie stabbilit għal perjodu ta' 7 snin biex id-durata tiegħu tiġi allinjata ma' dik tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), l-Aġenzija ma kinitx soġġetta għal dik il-limitazzjoni taż-żmien.

Minbarra l-kompiti tagħha li jirriżultaw mir-Regolament (UE) 2021/696, l-Aġenzija ġiet assenjata wkoll responsabbiltajiet skont ir-Regolament (UE) 2023/588 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura. Barra minn hekk, inizjattivi li ġejjin, bħal proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività ("Regolament FEK"), jipprevedu l-għoti ta' aktar kompiti lill-Aġenzija.

Il-missjoni tal-Aġenzija b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-komponenti tal-programmi spazjali tal-Unjoni issa hija kkonsolidata iżda l-bażi legali hija inkorporata f'Regolament li se jitħassar parzjalment fi tmiem il-QFP. Att ta' twaqqif awtonomu, li jibni fuq ir-Regolamenti kurrenti, u li jiddeskrivi kompiti u regoli operazzjonali ċari se jtejjeb iċ-ċertezza legali u se jiżgura l-operazzjonijiet u l-attivitajiet kontinwi tal-Aġenzija lil hinn miċ-ċikli tal-QFP.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat

Din il-proposta hija konsistenti bis-sħiħ mal-proposta għar-Regolament FEK u b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 3 (Sistemi spazjali u implimentazzjoni tal-politika spazjali) tal-Kapitolu VII (Appoġġ għar-reżiljenza u s-sigurtà, l-industrija tad-difiża u spazjali), it-tieqa ta' politika ddedikata fi ħdan ir-Regolament FEK. Ladarba jiġi adottat, dan ir-Regolament se jsir l-att ta' twaqqif tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Servizzi Spazjali tal-Unjoni Ewropea li se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet appoġġati taħt il-proposta għar-Regolament FEK.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Mhux Applikabbli.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 189(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Ir-Regolament (UE) 2021/696 ġie adottat bl-użu tal-istess bażi legali.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika peress li l-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. L-objettivi tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali u jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Ir-Regolament propost għandu l-għan li jtejjeb iċ-ċertezza legali u li jiżgura l-kontinwità tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija u b'hekk jippermettilha tippjana u topera b'mod effettiv fuq terminu twil u lil hinn mill-perjodi tal-QFP. L-objettiv tal-Aġenzija huwa li tiżgura grad għoli ta' sigurtà għall-attivitajiet spazjali tal-Unjoni, tappoġġa l-implimentazzjoni tal-komponenti spazjali tal-Unjoni, u tippromwovi l-adozzjoni mill-utenti u mis-suq tal-informazzjoni, is-

servizzi u d-data pprovduta minn dawk il-komponenti – dawk l-objettivi kollha li ma jistgħux jintlaħqu mill-Istati Membri waħedhom.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija proporzjonata, peress li hija meħtieġa biex jiġu pprovduti ċertezza u ċarezza legali fir-rigward tal-mandat tal-Aġenzija li ma għandux jiddependi fuq iċ-ċikli tal-QFP. L-azzjoni tal-Unjoni ma għandhiex l-intenzjoni li tissostitwixxi l-azzjonijiet jew l-awtoritajiet nazzjonali, u lanqas li tqajjem dubji dwar ir-rilevanza tagħhom. Filwaqt li tibni fuq ir-Regolament kurrenti, il-proposta telenka l-kompiti proprji tal-Aġenzija, dawk li l-Kummissjoni għandha tafda u dawk li għandhom jiġu fdati soġġetti għall-prontezza operazzjonali tal-Aġenzija. Il-proposta tirreplika prinċipalment it-Titolu IX tar-Regolament (UE) 2021/696 u l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2023/588, u tinkludi wkoll id-dispożizzjonijiet ġenerali tipikament meħtieġa meta tiġi stabbilita Aġenzija tal-Unjoni, bħall-istatus legali, is-sede, l-organizzazzjoni/il-kompożizzjoni, il-kompiti, id-dispożizzjonijiet baġitarji u finanzjarji, u d-dispożizzjonijiet dwar il-persunal.

- **Għażla tal-istrument**

Minħabba li din il-proposta għandha l-għan li tipprovdi l-qafas legali biex tiġi stabbilita u żgurata l-kontinwità tal-operazzjonijiet ta' aġenzija deċentralizzata, Regolament huwa l-aktar strument xieraq.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Twettqet evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-programm spazjali tal-Unjoni u tal-prestazzjoni tal-Aġenzija bejn it-tielet trimestru tal-2023 u t-tieni trimestru tal-2024, b'rapport adottat fl-10 ta' Lulju 2024. Min-naħa l-oħra, il-proposta għar-Regolament FEK kienet ibbażata fuq analiżi estensiva tal-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu, u r-rapporti tal-attività, jiġifieri:

- 2018 Il-valutazzjoni tal-impatt tal-programm spazjali tal-Unjoni u tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali 2021-2027;
- 2023 Ir-Rapport Annwali tal-Attività tal-EUSPA 2023;
- 2024 L-evalwazzjoni *interim* tal-Programm Spazjali tal-UE u dwar il-prestazzjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali 2021-2027.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Saru konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-evalwazzjoni *interim* tal-prestazzjoni tal-Aġenzija (2024) u l-proposta għar-Regolament FEK. Informazzjoni estensiva dwar dawn il-kwistjonijiet hija pprovduta fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni għall-proposta tar-Regolament FEK u fl-Anness 2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt tiegħu.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-proposta tibni fuq l-esperjenza akkumulata sa issa mill-Aġenzija fl-implimentazzjoni tal-programmi spazjali u fir-riżultati tal-evalwazzjoni *interim*, u tqis l-eżami dokumentarju estensiv imwettaq fir-rigward tal-proposta għar-Regolament FEK, b'aktar informazzjoni disponibbli fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni tagħha.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta tipprevedi l-ħolqien ta' att ta' twaqqif awtonomu għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Servizzi Spazjali (EUSPA). F'dan is-sens, l-objettiv ta' politika tal-proposta huwa li tirrifletti aħjar ir-rwol u l-kompiti kurrenti tagħha anke fid-dawl tal-futur tas-sistemi spazjali tal-Unjoni u b'kont meħud tal-flessibbiltà meħtieġa. Għalhekk, f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar, minħabba li diġà twettqet valutazzjoni komprensiva tal-impatt għar-Regolament FEK u li l-proposta tirriproduċi l-bażi legali kurrenti, ma twettqitx valutazzjoni sħiħa tal-impatt.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ir-Regolament propost għandu l-għan li jiżgura l-kontinwità tal-operat tal-Aġenzija, sa issa stabbilita minn Regolament marbut ma' ċiklu speċifiku tal-QFP, u li jipprovdi ċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali meħtieġa għal ippjanar u operat fit-tul effettiv lil hinn mill-perjodi tal-QFP. Dan l-objettiv jallinja mal-għan tar-Regolament FEK, li għandu l-għan li jissimplifika filwaqt li jipprovdi qafas baġitarju stabbli u prevedibbli, aktar effiċjenti u effettiv, inkluż għall-attivitajiet spazjali.

- **Drittijiet fundamentali**

Ir-Regolament propost fih l-istipulazzjonijiet tas-soltu dwar il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza. B'mod partikolari, dan jistabbilixxi li d-data personali kollha ttrattata mill-Aġenzija, għandha tiġi pproċessata f'konformità mal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data personali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-pakkett finanzjarju għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-Aġenzija taħt il-pakkett tal-QFP 2021-2027 huwa ta' EUR 525,7 miljun. Biex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tal-kompiti kurrenti u biex jiġu ffinanzjati attivitajiet ġodda taħt il-mandat tal-Aġenzija, din il-proposta tipprevedi żieda fil-kontribuzzjoni lill-Aġenzija għall-QFP li jmiss 2028-2034, b'allokazzjoni ta' EUR 979,6 miljun. Ir-riżorsi finanzjarji u tal-persunal meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti tal-Aġenzija se jiġu inklużi fil-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-Aġenzija u fl-allokazzjoni ġenerali tal-persunal matul il-proċedura baġitarja annwali. Il-Kummissjoni, fil-kuntest tas-superviżjoni tagħha ta' entitajiet deċentralizzati, se tapplika l-istrateġiji ta' kontroll rispettivi tagħha għal din in-nefqa. Barra minn hekk, kull sena finanzjarja, il-Parlament Ewropew, wara rakkomandazzjoni mill-Kunsill, jagħti kwittanza lil kull aġenzija tal-Unjoni, u għalhekk anke lill-EUSPA, għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha.

Ħarsa ġenerali dettaljata lejn l-implikazzjonijiet ta' din il-proposta għall-baġit tal-Unjoni hija pprovduta fid-"Dikjarazzjoni Finanzjarja u Diġitali Leġiżlattiva" marbuta ma' din il-proposta.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-Aġenzija għandha tissottometti lill-Kummissjoni rapport dwar it-tħaddim ta' dan ir-Regolament kull 5 snin. Kull 5 snin ukoll, il-Kummissjoni għandha tikkummissjona evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-Aġenzija, fir-rigward tal-objettivi, il-mandat, il-kompiti, il-governanza u l-post(ijiet) tagħha f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din it-taqsima tikkummenta dwar id-dispożizzjonijiet ewlenin tal-proposta u tispjega b'mod partikolari l-bidliet li saru fl-att ta' twaqqif preċedenti.

KAPITOLU I PRINĊIPJI:

L-Artikolu 1 dwar is-suġġett jistabbilixxi li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kompiti u r-regoli tal-operat tal-Aġenzija li tbiddel isimha biex issir l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Servizzi Spazjali.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi l-istatus ġuridiku tal-Aġenzija mingħajr ebda tibdil, u l-Artikolu 3 dwar is-Sede u l-uffiċċji lokali ġie mmodifikat biex iġib aktar ċarezza fil-proċedura għall-istabbiliment tal-uffiċċji lokali, u għal-lokalizzazzjoni tal-persunal fiċ-ċentri tal-infrastruttura terrestri tal-komponenti spazjali tal-Unjoni. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni kif ukoll il-bqija kollha jadattaw it-terminoloġija biex jirreferu għall-komponenti spazjali tal-Unjoni kif imsemmi fir-Regolament FEK.

L-Artikolu 4 jelenka l-kompiti proprji tal-Aġenzija, il-kompiti li għandhom jiġu ddelegati mill-Kummissjoni u l-kompiti li għandhom jiġu ddelegati soġġett għall-prontezza operazzjonali tal-Aġenzija.

L-ewwel nett, l-Aġenzija se tkompli (a) tiżgura l-akkreditazzjoni tas-sigurtà tal-komponenti spazjali tal-Unjoni permezz tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, (b) taċċerta s-sigurtà operazzjonali tal-komponent spazjali tal-Unjoni tal-"Pożizzjonament, Navigazzjoni u Sinkronizzazzjoni (PNT, Position, Navigation and Timing)" u tal-komponent spazjali tal-Unjoni tal-"Osservazzjoni tad-Dinja (EO, Earth Observation)" jew ta' wieħed mis-subkomponenti tagħha meta tingħata r-responsabbiltà għall-isfruttament jew għall-ġestjoni operazzjonali, (c) tiżgura l-funzjonament tal-istruttura ta' monitoraġġ tas-sigurtà spazjali, (d) tistabbilixxi u timmaniġġa network tal-komunità tal-utenti u tipprovdi analiżi dwar is-servizzi għall-utenti awtorizzati mill-gvern, (e) twettaq ċerti attivitajiet relatati mal-adozzjoni mill-utenti, mal-iżvilupp tas-suq, mal-attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' promozzjoni, (f) tipprovdi l-għarfien espert tekniku tagħha u l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni u (g) twettaq il-kompiti assenjati lilha dwar ir-regoli ta' aċċess għas-servizz pubbliku regolat (PRS, public regulated service) ipprovdut mis-subkomponent tal-PNT Galileo.

It-tieni, kif inhuwa l-każ illum, il-Kummissjoni għandha tkompli tafda lill-Aġenzija (a) il-ġestjoni u l-isfruttament tal-PNT, (b) il-ġestjoni operazzjonali taċ-Ċentru ta' "Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita" (GOVSATCOM, Governmental Satellite Communication), u (c) ċerti attivitajiet relatati mal-iżvilupp tal-applikazzjonijiet integrati, downstream, l-ekosistemi, ir-riċevituri u t-terminali tad-data abbażi tad-data u s-servizzi tal-komponenti spazjali tal-Unjoni fl-interess tal-ekonomija tal-Unjoni bbażata fl-ispazju.

It-tielet, soġġett għall-prontezza operazzjonali tal-Aġenzija u, fejn meħtieġ, l-istabbiliment tal-mekkaniżmu rilevanti biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz, il-Kummissjoni għandha tafda lill-Aġenzija bi (a) azzjonijiet speċifiċi biex tappoġġa s-sigurtà tal-komponent spazjali tal-Unjoni tal-EO, inklużi s-subkomponenti l-ġodda "Servizz Governattiv għall-Osservazzjoni tad-Dinja" (EOGS, Earth Observation Governmental Service) u Copernicus, (b) il-ġestjoni tal-kuntratti kollha jew ta' xi wħud mill-kuntratti taħt l-EOGS, (c) il-forniment tas-servizzi governattivi "GOVSATCOM" u "IRIS2", b'mod partikolari permezz taċ-Ċentru ta' "GOVSATCOM", (d) il-ġestjoni ta' xi kuntratti taħt il-komponent spazjali tal-Unjoni "Konnettività Sigura", (e) il-koordinazzjoni ġenerali tal-aspetti relatati mal-utenti tal-komponent tal-Konnettività Sigura, (f) attivitajiet relatati mal-adozzjoni mill-utenti tas-servizzi offruti mill-komponent tal-Konnettività Sigura, (g) il-forniment ta' servizzi tal-komponent spazjali tal-Unjoni "Event tat-Temp Spazjali" (SWE, Space Weather Events) lill-

utenti finali, (h) il-forniment ta' servizzi ta' "Sorveljanza u Insegwiment fl-Ispazju" (SST, Space Surveillance and Tracking), subkomponent tal-SSA, ħlief is-servizz għall-utenti awtorizzati mill-gvern, (i) il-ġestjoni tal-ftehimiet ta' għotja kollha jew ta' parti minnhom mas-"Sħubija SST" imsemmija fir-Regolament FEK, (j) il-forniment ta' servizzi ta' monitoraġġ tal-interferenza mill-frekwenzi tar-radju għall-ħtiġijiet tal-komponenti spazjali tal-Unjoni, (k) azzjonijiet speċifiċi biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-komponent spazjali tal-Unjoni "Aċċess għall-Ispazju" mingħajr preġudizzju għall-attivitajiet imwettqa minn entitajiet oħra, (l) azzjonijiet speċifiċi biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-komponent spazjali tal-Unjoni "Kummerċjalizzazzjoni tal-ispazju u l-ekonomija spazjali", (m) azzjonijiet speċifiċi biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-komponent spazjali tal-Unjoni "sovranità teknoloġika, riċerka u innovazzjoni" u (n) il-possibbiltà li l-Aġenzija tikkoopera mal-Kummissjoni biex tappoġġa lill-operaturi spazjali, b'mod partikolari fir-rigward taċ-ċibersigurtà.

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 4 ifakkar li l-Kummissjoni tista' tafda kompiti oħrajn lill-Aġenzija abbażi tal-valutazzjoni tagħha; li kull meta jiġu fdati attivitajiet lill-Aġenzija, għandhom jiġu żgurati riżorsi finanzjarji, umani u amministrattivi xierqa, u li l-Aġenzija għandha tiżgura li l-operaturi kuntrattwali jkollhom oqfsa ta' kompetenza, ippjanar tas-suċċessjoni u kapaċità operazzjonali li jippermettu l-kontinwità tas-servizzi għall-utenti awtorizzati mill-gvern matul kriżi jew interruzzjonijiet estiżi.

KAPITOLU II ORGANIZZAZZJONI TAL-AĠENZIJA:

L-istruttura amministrattiva u ta' ġestjoni tal-Aġenzija hija aġġustata u se tkun magħmula minn Bord Amministrattiv, Direttur Eżekuttiv, Viċi Direttur Eżekuttiv u Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà.

L-Artikoli 5 sa 11 jibqgħu simili ħafna, b'xi titjib li għandu l-għan li jiċċara r-regoli tal-votazzjoni u jelenka l-każijiet fejn jintalab vot favorevoli tal-Kummissjoni. Hemm ukoll iż-żieda tal-pożizzjoni ta' Viċi Direttur Eżekuttiv u artikolu ġdid biex jiddeskrivi aħjar is-setgħat ta' ħatra tal-Bord Amministrattiv. Fl-aħħar nett, kompitu ġdid tal-Bord Amministrattiv jipprevedi l-possibbiltà li tiġi adottata deċiżjoni li tiddikjara sitwazzjoni ta' kriżi fuq proposta tad-Direttur Eżekuttiv, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi għall-utenti awtorizzati mill-gvern.

L-Artikoli 12 u 13 dwar id-Direttur Eżekuttiv jibqgħu fil-biċċa l-kbira l-istess, bil-proċedura għall-istabbiliment ta' uffiċċju lokali permezz ta' deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv iċċarata ulterjorment. Żdied l-Artikolu 14 dwar il-Viċi Direttur Eżekuttiv.

L-Artikoli 15 sa 23 japplikaw għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà u għall-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà (SAB, Security Accreditation Board). Xi aspetti ġodda huma l-possibbiltà li l-SAB jipprovdi approvazzjoni unika għall-kostellazzjonijiet; il-Kummissjoni li tagħti l-kunsens biex il-laqgħat isiru mingħajr il-preżenza tagħha; il-possibbiltà li l-Kummissjoni titlob li tinħareġ deċiżjoni fi żmien 3 xhur f'każijiet debitament ġustifikati, inkella d-deċiżjoni titqies bħala affermattiva u l-ħtieġa għal vot favorevoli tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet finanzjarji u ta' riżorsi umani tiġi allinjata mal-Bord Amministrattiv. Fl-aħħar nett, id-deċiżjonijiet tal-SAB għandhom ikunu bbażati fuq informazzjoni li l-Kummissjoni kellha aċċess għaliha u li kellha l-opportunità li tipprovdi opinjoni dwar l-impatt tagħhom fuq it-tmexxija xierqa tal-komponenti jew tas-subkomponenti spazjali tal-Unjoni, inkluż f'termini tas-sigurtà tal-Unjoni.

KAPITOLU III STABBILIMENT U STRUTTURA TAL-BAĠIT:

L-Artikoli 24 sa 29 jibqgħu bejn wieħed u ieħor l-istess iżda ppreżentati b'mod differenti biex jiġu armonizzati fl-Aġenziji kollha. Hemm iż-żieda ta' tariffi għal kwalunkwe servizz ipprovdut għall-Aġenzija mad-dħul tal-Aġenzija.

KAPITOLU IV PERSUNAL:

L-Artikoli 30 sa 33 dwar il-persunal jibqgħu fil-biċċa l-kbira l-istess b'xi elementi ġodda: l-uffiċjali assenjati jew sekondati fuq bażi temporanja għandhom jiġu assimilati mal-persunal tal-Aġenzija, id-Direttur Eżekuttiv jista' jieħu l-miżuri meħtieġa, inkluż li jimponi lill-persunal it-twettiq tal-attivitajiet tagħhom biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi jew biex tiġi ppreservata s-sigurtà tal-infrastrutturi u tal-operazzjonijiet tas-sistemi spazjali tal-Unjoni f'każ ta' kriżi, u persunal mill-Istati Membri jista' jissejjaħ għal stazzjonament għal żmien qasir ta' mhux aktar minn sentejn biex jiffaċċja l-ogħla livelli ta' xogħol jew sitwazzjonijiet urġenti li jaffettwaw il-kontinwità tas-servizzi. Ir-regoli interni tal-Aġenzija għandhom jinkludu dispożizzjonijiet għall-ġestjoni ta' kriżijiet u għall-kontinwità tal-operat. L-Artikoli ġew aġġustati wkoll biex jinkludu r-regoli għall-ħatra u l-mandat tal-Viċi Direttur Eżekuttiv.

KAPITOLU V DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI:

Ma hemm l-ebda bidla fis-sustanza meta mqabbla mad-dispożizzjonijiet kurrenti, għalkemm it-test huwa armonizzat ma' Aġenziji oħra.

KAPITOLU VI DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI:

Il-proposta tinkludi fl-Artikolu 42 l-arranġamenti tranżizzjonali biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operazzjonijiet u tal-attivitajiet tal-Aġenzija fir-rigward tas-sjieda, il-ftehimiet, l-obbligi legali, il-kuntratti ta' impjieg, l-impenji finanzjarji u l-obbligazzjonijiet kollha, u tal-istruttura amministrattiva u ta' ġestjoni tal-Aġenzija skont ir-Regolament (UE) 2021/696.

L-Artikolu 43 iħassar id-dispożizzjonijiet speċifiċi li jirreferu għall-Aġenzija fir-Regolament (UE) 2021/696 u l-Artikolu 44 jistabbilixxi r-regola tad-dħul fis-seħħ u jistabbilixxi d-data tal-applikazzjoni għall-1 ta' Jannar 2028.

2026/0084 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Servizzi Spazjali u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/696

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 189(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali ("l-Aġenzija") ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[(1)] biex tissostitwixxi u tissuċċedi l-Aġenzija tal-GNSS tal-Unjoni stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[(2)]. L-Aġenzija tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà kif ukoll l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tas-suq u downstream. L-istruttura amministrattiva u ta' ġestjoni tal-Aġenzija hija magħmula mill-Bord Amministrattiv, mid-Direttur Eżekuttiv, mill-Viċi Direttur Eżekuttiv u mill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà.

(2) Fir-rigward tas-sigurtà b'mod partikolari, u minħabba l-esperjenza tagħha f'dan il-qasam, l-Aġenzija hija responsabbli għall-kompiti ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà għall-azzjonijiet kollha tal-Unjoni fis-settur spazjali. Filwaqt li tibni fuq ir-rekord pożittiv tagħha fil-promozzjoni tal-adozzjoni mill-utent u mis-suq ta' Galileo u tal-EGNOS, l-Aġenzija hija inkarigata wkoll b'attivitajiet ta' adozzjoni mill-utenti kif ukoll attivitajiet ta' żvilupp ta' applikazzjonijiet downstream għall-komponenti spazjali kollha tal-Unjoni.

---

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1258/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj).

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/912/oj).

(3) L-Aġenzija rċeviet kompiti u responsabbiltajiet addizzjonali taħt ir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura u jenħtieġ li teżerċita rwol prominenti u sostantiv fi ħdan il-[proposta għal Regolament (UE) XXXX/XXX dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK) ("ir-Regolament FEK")] li jiddefinixxi qafas ġdid għall-implimentazzjoni tas-sistemi spazjali u l-azzjonijiet ta' politika spazjali tal-Unjoni matul il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2028 sal-2034.

(4) Filwaqt li l-Programm Spazjali tal-Unjoni ġie stabbilit għal perjodu ta' 7 snin biex id-durata tiegħu tiġi allinjata ma' dik tal-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sal-2027, l-Aġenzija, li twettaq il-kompiti proprji tagħha, ma hijiex soġġetta għal dik il-limitazzjoni taż-żmien. Madankollu, ir-Regolament (KE) 2021/696 ma għadux jipprovdi qafas adegwat għall-kompiti u r-regoli tal-operat futuri tal-Aġenzija.

(5) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operazzjonijiet lil hinn mill-perjodi tal-qafas finanzjarju pluriennali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-kompiti u l-aspetti organizzazzjonali tal-Aġenzija, u jenħtieġ li l-Aġenzija tingħata l-isem ġdid ta' Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Servizzi Spazjali biex tirrifletti aħjar il-qafas il-ġdid għall-implimentazzjoni tas-sistemi u l-politika spazjali tal-Unjoni.

(6) F'konformità mad-Deċiżjoni 2010/803/UE[4], is-sede tal-Aġenzija tinsab fi Praga. Għall-implimentazzjoni tal-kompiti tal-Aġenzija, jenħtieġ li l-Aġenzija tkun tista' tpoġġi persunal f'wieħed miċ-ċentri terrestri tal-komponenti spazjali tal-Unjoni. Barra minn hekk, biex l-Aġenzija topera bl-aktar mod effiċjenti u effettiv, jenħtieġ li hija tkun tista' tassenja għadd limitat ta' persunal lil uffiċċji lokali stabbiliti fi Stat Membru wieħed jew aktar. Tali assenjazzjoni ta' persunal barra mis-sede tal-Aġenzija jew fiċ-ċentri tal-infrastruttura terrestri ma għandha twassal għall-ebda trasferiment tal-attivitajiet ewlenin tal-Aġenzija lejn dawn l-uffiċċji lokali.

(7) L-objettiv tal-Aġenzija li tiżgura livell għoli ta' sigurtà għall-attivitajiet spazjali tal-Unjoni, li trawwem l-adozzjoni mill-utenti u mis-suq tal-informazzjoni, is-servizzi u d-data pprovduti minn dawk il-komponenti u li tiżviluppa applikazzjonijiet tas-suq u downstream għall-komponenti spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jkompli, u għalhekk jenħtieġ li l-Aġenzija tiġi assenjata l-kompiti meħtieġa biex jintlaħaq dak l-objettiv.

(8) Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza tagħha fir-rigward tas-sigurtà, jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli tiżgura l-akkreditazzjoni tas-sigurtà meta jkun meħtieġ. Jenħtieġ li l-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà jitwettqu abbażi ta' responsabbiltà kollettiva għas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Jenħtieġ li l-attivitajiet tekniċi ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà jiġu fdati lil professjonisti li jkunu debitament kwalifikati fil-qasam tal-akkreditazzjoni ta' sistemi spazjali kumplessi.

(9) Sabiex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess u kwalunkwe nuqqas fl-applikazzjoni tar-regoli dwar is-sigurtà, jenħtieġ li l-funzjonijiet operazzjonali tas-sistemi spazjali tal-Unjoni jkunu segregati mill-funzjonijiet tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà jibqa' bħala korp awtonomu fi ħdan l-Aġenzija li jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'mod indipendenti u oġġettiv filwaqt

---

[3] Ir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027 (ĠU L 79, 17.3.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/588/oj).

[4] Deċiżjoni meħuda bi ftehim komuni bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-10 ta' Diċembru 2010 dwar il-post tas-Sede tal-Aġenzija Ewropea GNSS (2010/803/UE) (ĠU L 342, 28.12.2010, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2010/803/oj).

li jaġixxi bħala l-awtorità ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà għall-komponenti spazjali tal-Unjoni.

(10) Filwaqt li tibni fuq l-għarfien espert żviluppat mill-Aġenzija fl-aħħar snin fil-ġestjoni, fl-operat u fil-forniment ta' servizzi għal Galileo u għas-Sistema Ewropea ta' navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS, European Geostationary Navigation Overlay Service), jenħtieġ li l-Aġenzija tibqa' tiġi fdata bil-ġestjoni tal-isfruttament tal-komponent spazjali tal-Unjoni tal-"Pożizzjonament, Navigazzjoni u Sinkronizzazzjoni ("PNT, Position, Navigation and Timing")", inkluża l-implimentazzjoni tal-kompiti tal-Organizzazzjoni tad-Disinn u tal-Produzzjoni applikabbli għall-EGNOS li huma definiti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1768[5] u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1769[6], adottati abbażi tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] fil-qasam tal-avjazzjoni, u jenħtieġ li tikkoordina l-kompiti operazzjonali kollha relatati mal-isfruttament ta' dawk is-sistemi kumplessi, ħlief għall-kooperazzjoni internazzjonali.

(11) Minħabba l-esperjenza tagħha fl-implimentazzjoni ta' Galileo u tal-EGNOS u attivitajiet spazjali oħra, l-Aġenzija tinsab f'pożizzjoni tajba biex twettaq, taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni, ċerti kompiti relatati mal-operat tal-infrastrutturi governattivi rilevanti u l-forniment ta' servizzi għall-utenti awtorizzati mill-gvern. Għall-finijiet tat-twettiq ta' dawk il-kompiti, jenħtieġ li l-Aġenzija tiżviluppa aktar kapaċitajiet rilevanti li jippermettulha li tiġi fdata bil-forniment ta' ċerti servizzi għall-utenti awtorizzati mill-gvern, u bil-ġestjoni operazzjonali kollha jew parti minnha tal-infrastruttura governattiva.

(12) L-ispazju daħal f'fażi ġdida fejn l-utenti finali awtorizzati mill-gvern għandhom impatt sinifikanti u fejn hemm bżonn ta' koordinazzjoni akbar mal-Istati Membri. Għalhekk, jenħtieġ li l-Aġenzija tistabbilixxi u timmaniġġa network komunitarju tal-utenti u tipprovdi analiżi dwar l-użu jew il-kondiviżjoni ta' servizzi għall-utenti awtorizzati mill-gvern mill-utenti finali.

(13) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli twettaq l-attivitajiet ta' komunikazzjoni, ta' żvilupp tas-suq u ta' adozzjoni mill-utenti fir-rigward tas-servizzi offruti mill-komponenti spazjali tal-Unjoni tal-PNT u tal- "Osservazzjoni tad-Dinja ("EO", Earth Observation). F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Aġenzija timmonitorja kontinwament is-suq, l-evoluzzjoni u l-impatt tal-ekonomija spazjali u tipprovdi feedback u inputs lill-utenti dwar ħtiġijiet ġodda tal-utenti. Dan jippermetti lill-Aġenzija tkompli tibbenefika minn ekonomiji ta'

---

(5) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1768 tal-14 ta' Lulju 2023 li jistabbilixxi regoli dettaljati għaċ-ċertifikazzjoni u d-dikjarazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u tal-kostitwenti ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (ĠU L 228, 15.9.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/1768/oj).

(6) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1769 tat-12 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi għall-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet involuti fid-disinn jew fil-produzzjoni ta' sistemi u kostitwenti ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/203 (ĠU L 228, 15.9.2023, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1769/oj).

(7) Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj).

skala u tkompli tiżviluppa applikazzjonijiet downstream ġodda bbażati fuq diversi komponenti spazjali (applikazzjonijiet integrati) li jżidu l-użu tagħhom f'setturi strateġiċi ewlenin għall-ekonomija Ewropea u għar-reżiljenza u l-awtonomija tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-Aġenzija tista' tiġi fdata b'attivitajiet addizzjonali relatati mal-adozzjoni mis-suq fir-rigward ta' komponenti spazjali oħra tal-Unjoni. Jenħtieġ li dawk l-attivitajiet fl-ebda każ ma jipprevjenu lill-Kummissjoni milli tafda attivitajiet ta' servizz u ta' adozzjoni mill-utenti lil entitajiet oħra.

(14) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli tiżgura li s-servizzi u d-data pprovduti mill-komponenti spazjali tal-Unjoni jiġu adottati b'mod wiesa' fis-setturi differenti tal-ekonomija. Sabiex dan jinkiseb aħjar, jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli twettaq attivitajiet li jrawmu l-iżvilupp teknoloġiku u l-kummerċjalizzazzjoni tal-industrija u tas-servizzi spazjali tal-Unjoni, li jgħinu lill-imprendituri jikbru u jespandu, u li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-komponent spazjali tal-Unjoni "kummerċjalizzazzjoni spazjali u l-ekonomija spazjali". Dawk l-attivitajiet kollha flimkien jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' opportunitajiet ta' negozju u ta' impjiegi ta' kwalità fis-settur spazjali, għat-tisħiħ tal-kompetittività, tar-reżiljenza, tas-sigurtà u tal-awtonomija tal-Unjoni filwaqt li jaċċelleraw it-tkabbir ekonomiku.

(15) Fil-kuntest ġeopolitiku kurrenti, is-sigurtà u r-reżiljenza, fl-ispazju u fuq l-art, saru prijorità politika ewlenija tal-Unjoni. Għal kwistjonijiet relatati mal-ispazju, huwa importanti li l-Aġenzija tkun tista' tiġi fdata kompiti b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Kummissjoni relatati mas-sikurezza, is-sigurtà u r-reżiljenza fl-ispazju, inkluż fir-rigward taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari billi tikkoopera mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), b'mod partikolari fil-qasam tal-ħiliet u s-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT.

(16) Biex l-Aġenzija tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv, jenħtieġ li jkunu disponibbli riżorsi umani, amministrattivi u finanzjarji adegwati.

(17) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni, il-Bord Amministrattiv, il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, id-Direttur Eżekuttiv u l-Viċi Direttur Eżekuttiv jenħtieġ li jkunu indipendenti fit-twettiq ta' dmirijiethom u jenħtieġ li jaġixxu fl-interess pubbliku.

(18) Minħabba l-mandat tal-Aġenzija u r-responsabbiltà ġenerali tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-komponenti spazjali tal-Unjoni, jixraq li jkun previst li ċerti deċiżjonijiet meħuda mill-Bord Amministrattiv jenħtieġ li ma jiġux adottati mingħajr il-vot favorevoli tar-rappreżentanti tal-Kummissjoni.

(19) L-Aġenzija għandha tiżgura l-ogħla livell ta' sigurtà għall-attivitajiet spazjali tal-Unjoni, inkluża l-protezzjoni ta' infrastrutturi kritiċi u l-operat bla interruzzjoni tas-sistemi spazjali li huwa vitali għas-sigurtà, is-sovranità u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni. Biex jiġu ssalvagwardjati l-kontinwità u r-reżiljenza tas-servizzi spazjali tal-Unjoni, b'mod partikolari fi kriżi, huwa essenzjali li l-persunal tal-Aġenzija jibqa' disponibbli fuq bażi ta' 24 siegħa, 7 ijiem fil-ġimgħa. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata tali prontezza operazzjonali permanenti biex jiġi żgurat l-operat mingħajr interruzzjoni tas-sistemi spazjali u l-kontinwità tas-servizzi fiċ-ċirkostanzi kollha.

(20) Biex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-kontinwità tal-attivitajiet tal-Aġenzija matul it-tranżizzjoni għall-qafas legali stabbilit minn dan ir-Regolament, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar il-baġit, il-Bord Amministrattiv, il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, id-Direttur Eżekuttiv u l-persunal tal-Aġenzija.

(21) Ladarba l-objettiv ta' dan ir-Regolament ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni li jmorru lil hinn mill-kapaċitajiet finanzjarji u tekniċi ta' kwalunkwe Stat Membru uniku, jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex dak l-għan jintlaħaq.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu 1

Prinċipji

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kompiti u r-regoli tal-operat tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Servizzi Spazjali ("l-Aġenzija").

Artikolu 2

Status ġuridiku

1. L-Aġenzija għandha tkun korp tal-Unjoni. Din għandu jkollha personalità ġuridika.
2. F'kull wieħed mill-Istati Membri, l-Aġenzija għandu jkollha l-iktar kapaċità ġuridika estensiva li tingħata lill-persuni ġuridiċi skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom. Hija tista', b'mod partikolari, takkwista jew tiddisponi minn proprjetà mobbli u immobbli u tkun parti fi proċedimenti legali.
3. L-Aġenzija għandha tkun rappreżentata mid-Direttur Eżekuttiv tagħha.

Artikolu 3

Sede u uffiċċji lokali

1. Is-sede tal-Aġenzija tinsab fi Praga, iċ-Ċekja.
2. Skont il-ħtiġijiet tal-komponenti spazjali tal-Unjoni msemmija fl-[*Artikolu 58 tar-Regolament FEK*], l-Aġenzija tista' tistabbilixxi uffiċċji lokali fl-Istati Membri f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13(2).
3. Il-persunal tal-Aġenzija jista' jkun jinsab fis-sede tal-Aġenzija, fl-uffiċċji lokali msemmija fil-paragrafu 2 jew fi kwalunkwe post taċ-ċentri tal-infrastruttura terrestri tal-komponenti spazjali tal-Unjoni msemmija fl-Anness tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/413[8] u (UE) 2017/1406[9], fl-Artikolu

[8] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/413 tat-18 ta' Marzu 2016 li tiddetermina l-lokalizzazzjoni tal-infrastruttura tas-sistema stabbilita skont il-programm Galileo u li tipprevedi l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-operat tiegħu u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/117/UE (ĠU L 74, 19.3.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2016/413/oj).

[9] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1406 tal-31 ta' Lulju 2017 li tiddetermina fejn se tkun tinsab l-infrastruttura terrestri tas-sistema EGNOS (ĠU L 200, 1.8.2017, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2017/1406/oj).

1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3195[10], u fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1067[11] jew li għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-[*Artikolu 75(5) tar-Regolament FEK*] biex iwettqu l-attivitajiet programmatiċi previsti fil-ftehim rilevanti.

Artikolu 4

Kompiti

1. L-Aġenzija għandu jkollha l-kompiti proprji li ġejjin:

(a) li tiżgura, permezz tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà msemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (c), l-akkreditazzjoni tas-sigurtà tal-komponenti spazjali tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 16;

(b) meta tingħata r-responsabbiltà għall-isfruttament jew il-ġestjoni operazzjonali tal-komponent spazjali tal-"Pożizzjonament, Navigazzjoni u Sinkronizzazzjoni (PNT)" imsemmi fl-[*Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament FEK*] jew il-komponent spazjali tal-"Osservazzjoni tad-Dinja (EO)" jew wieħed mis-subkomponenti tiegħu msemmi fl-[*Artikolu 58(1)(b) tar-Regolament FEK*], li twettaq il-kompiti kollha relatati mas-sigurtà operazzjonali tiegħu, li tikkonsisti mit-twettiq ta' analiżi tar-riskju u tat-theddid, it-tħejjija tal-fajls rilevanti tal-akkreditazzjoni, u l-monitoraġġ tas-sigurtà ta' dawk il-komponenti jew is-subkomponenti fl-operazzjonijiet, b'mod partikolari l-monitoraġġ tal-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ġenerali rispettivi tas-sigurtà msemmija fl-[*Artikolu 77(3) tar-Regolament FEK*];

(c) li tiżgura l-operat tal-istruttura ta' monitoraġġ tas-sigurtà fl-ispazju għall-komponenti jew is-subkomponenti spazjali tal-Unjoni, f'konformità mar-rekwiżiti ġenerali ta' sigurtà msemmija fl-[*Artikolu 77(3) tar-Regolament FEK*] u, li tħejji l-proċeduri operazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-istruzzjonijiet żviluppati fl-ambitu tal-[*Artikolu [6] tad-Deċiżjoni (PESK) XXXX/XXX li temenda 2021/698*[12]];

(d) li tistabbilixxi u timmaniġġa network komunitarju tal-utenti u li tipprovdi l-analiżi dwar l-użu jew il-kondiviżjoni ta' servizzi għall-utenti awtorizzati mill-gvern tal-komponenti jew tas-subkomponenti spazjali tal-Unjoni kif meħtieġ;

(e) li twettaq ċerti attivitajiet relatati mal-adozzjoni mill-utenti, l-iżvilupp tas-suq, l-attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' promozzjoni fir-rigward tas-servizzi, id-data u l-informazzjoni offruti mill-komponenti spazjali tal-Unjoni, inkluża l-koordinazzjoni tal-ħtiġijiet tal-utenti, it-teknoloġiji u t-tagħmir tal-utenti kif

---

(10) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3195 tat-18 ta' Diċembru 2024 li tistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-post taċ-Ċentru ta' GOVSATCOM (ĠU L, 2024/3195, 20.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2016/413/oj).

(11) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1067 tat-12 ta' April 2024 li tistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-post fiżiku taċ-ċentri ta' kontroll li jappartjenu għall-infrastruttura terrestri tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura (ĠU L, 2024/1067, 16.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1067/oj).

(12) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/698 tat-30 ta' April 2021 dwar is-sigurtà tas-sistemi u s-servizzi skjerati, operati u użati taħt il-Programm Spazjali tal-Unjoni li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/496/PESK (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 178, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/698/oj).

meħtieġ. Dan ma għandux jaffettwa l-attivitajiet imwettqa minn entitajiet fdati oħrajn u mill-Kummissjoni;

(f) li tipprovdi lill-Kummissjoni bl-għarfien espert tekniku tagħha u tipprovdi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha fl-implimentazzjoni tal-komponenti spazjali tal-Unjoni, b'mod partikolari għal kwistjonijiet ta' sigurtà u għat-tħejjija tal-prijoritajiet tar-riċerka spazjali għas-suq downstream;

(g) li twettaq il-kompiti assenjati lilha skont id-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli ta' aċċess għas-servizz pubbliku regolat (PRS) ipprovdut mis-subkomponent tal-PNT Galileo.

2. Il-Kummissjoni għandha tinkariga lill-Aġenzija bil-kompiti li ġejjin:

(a) il-ġestjoni tal-isfruttament tal-PNT, inklużi:

(i) il-ġestjoni, l-operat, il-manutenzjoni, l-evoluzzjoni u l-protezzjoni tal-infrastruttura terrestri u dik ibbażata fl-ispazju, inklużi l-aġġornamenti u l-ġestjoni tal-obsolexxenza;

(ii) l-iżvilupp tal-ġenerazzjonijiet kurrenti u futuri tas-sistemi u l-evoluzzjoni tas-servizzi pprovduti;

(iii) l-appoġġ tal-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u ta' standardizzazzjoni;

(iv) il-forniment kontinwu ta' data u servizzi u l-estensjoni tal-kopertura tagħhom kif meħtieġ;

(v) l-elementi biex tiġi mmonitorjata l-affidabbiltà tas-sistemi u l-isfruttament tagħhom, u l-prestazzjoni tas-servizzi;

(vi) l-implimentazzjoni tal-kompiti ta' Organizzazzjoni tat-Tfassil u tal-Produzzjoni għas-subkomponent tas-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS) tal-PNT;

(vii) il-kontribut għas-servizzi ta' monitoraġġ tal-interferenza mill-frekwenzi tar-radju u għall-PNT komplementari;

(b) il-ġestjoni operazzjonali taċ-Ċentru ta' "Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita" (GOVSATCOM) imsemmi fl-[*Artikolu 61(3)(d) tar-Regolament FEK*], inkluża s-sigurtà operazzjonali;

(c) ċerti attivitajiet relatati mal-iżvilupp ta' applikazzjonijiet downstream, integrati, ekosistemi tad-data, jew riċevituri u terminali bbażati fuq id-data u s-servizzi tal-komponenti spazjali tal-Unjoni fl-interess tal-ekonomija tal-Unjoni bbażata fl-ispazju.

3. Soġġett għall-prontezza operazzjonali tal-Aġenzija u, fejn meħtieġ, l-istabbiliment tal-mekkaniżmu rilevanti biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz, il-Kummissjoni għandha tinkariga lill-Aġenzija bil-kompiti li ġejjin:

(a) azzjonijiet speċifiċi biex jappoġġaw is-sigurtà tas-subkomponenti "Servizz Governattiv għall-Osservazzjoni tad-Dinja (EOGS, Earth Observation Governmental Service) u Copernicus tal-EO.

(b) il-ġestjoni tal-kuntratti kollha jew ta' xi wħud mill-kuntratti taħt l-EOGS wara l-għoti jew l-iffirmar tagħhom;

(c) il-forniment ta’ servizzi ta’ GOVSATCOM u servizzi ta’ “Infrastruttura għar-Reżiljenza, l-Interkonnettività u s-Sigurtà bis-Satellita” (IRIS2), is-subkomponenti tal-komponent spazjali tal-Unjoni “Konnettività Sigura” msemmija fl-[*Artikolu 58(1)(c) tar-Regolament FEK*], għall-utenti awtorizzati mill-gvern, b’mod partikolari permezz taċ-Ċentru ta’ GOVSATCOM;

(d) il-ġestjoni tal-kuntratti kollha jew ta’ xi wħud mill-kuntratti taħt il-komponent tal-Konnettività Sigura, wara l-għoti jew l-iffirmar tagħhom, inkluż fejn rilevanti biex tiġi żgurata l-ġestjoni operazzjonali kollha jew parti minnha tal-infrastruttura governattiva ta’ IRIS2, jew il-ġestjoni operazzjonali kollha jew parti minnha tal-parti rilevanti tal-infrastruttura governattiva ta’ IRIS2, inkluża s-sigurtà operazzjonali;

(e) il-koordinazzjoni ġenerali tal-aspetti relatati mal-utent tal-komponent tal-Konnettività Sigura f’kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, is-SEAE u entitajiet oħra;

(f) attivitajiet relatati mal-adozzjoni tas-servizzi mill-utenti, inkluż l-appoġġ għall-iżvilupp u d-disponibbiltà tat-terminali tal-utenti, offruti mill-komponent tal-Konnettività Sigura mingħajr ma jaffettwaw l-attivitajiet imwettqa mill-kuntratturi msemmija fl-[*Artikolu 61 tar-Regolament FEK*] jew entitajiet oħra fdati mill-Kummissjoni;

(g) il-forniment ta’ servizzi tas-subkomponent “Eventi tat-Temp Spazjali (SWE)” tal-komponent spazjali tal-Unjoni “Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju (SSA, Space Situational Awareness)” imsemmi fl-[*Artikolu 58(1)(d) tar-Regolament FEK*] lill-utenti finali, u attivitajiet relatati mal-evoluzzjoni ta’ dawk is-servizzi;

(h) il-forniment ta’ servizzi tas-subkomponent “Sorveljanza u Insegwiment fl-Ispazju (SST, Space Surveillance and Tracking)” tal-SSA, ħlief is-servizz għall-utenti awtorizzati mill-gvern, b’mod partikolari permezz tal-ġestjoni operazzjonali taċ-ċentri ta’ servizz rilevanti, inklużi aspetti tas-sigurtà assoċjati, kif ukoll il-front desk li jipprovdi l-interfaċċa għall-forniment ta’ servizzi li ma humiex għall-utenti awtorizzati mill-gvern lill-utenti finali, u l-proċeduri ta’ aġġudikazzjoni meħtieġa;

(i) il-ġestjoni tal-ftehimiet kollha jew ta’ parti minnhom mas-Sħubija SST imsemmija fl-[*Artikolu 62(3) tar-Regolament FEK*];

(j) il-forniment ta’ servizzi ta’ monitoraġġ tal-interferenza mill-frekwenzi tar-radju għall-ħtiġijiet tal-komponenti spazjali tal-Unjoni;

(k) azzjonijiet speċifiċi biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-komponent spazjali tal-Unjoni “Aċċess għall-Ispazju” imsemmi fl-[*Artikolu 58(1)(e) tar-Regolament FEK*] mingħajr preġudizzju għall-attivitajiet imwettqa minn entitajiet oħra;

(l) azzjonijiet speċifiċi biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-komponent spazjali tal-Unjoni “Kummerċjalizzazzjoni tal-ispazju u ekonomija spazjali” imsemmi fl-[*Artikolu 58(1)(f) tar-Regolament FEK*], inkluża l-inizjattiva CASSINI mingħajr preġudizzju għall-attivitajiet imwettqa minn entitajiet oħra;

(m) azzjonijiet speċifiċi biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-komponent spazjali tal-Unjoni “Sovranità teknoloġika, riċerka u innovazzjoni” imsemmi fl-

[*Artikolu 58(1)(g) tar-Regolament FEK*], mingħajr preġudizzju għall-attivitajiet imwettqa minn entitajiet oħra;

(n) tikkoopera mal-Kummissjoni biex tappoġġa lill-operaturi spazjali, b'mod partikolari fir-rigward taċ-ċibersigurtà.

4. Iċ-ċentri li jipprovdu s-servizzi msemmija fil-punt (h) għandhom jibnu fuq l-għarfien espert u l-assi rilevanti taċ-ċentri eżistenti, bl-appoġġ tal-operaturi tal-Istati Membri preċedenti ta' dawk iċ-ċentri, u għandhom jiġu konklużi arranġamenti, kif meħtieġ, mal-operaturi taċ-ċentri ta' servizz eżistenti bil-għan li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz u li jispeċifikaw, b'mod partikolari, l-ambitu u l-firxa tat-trasferiment tal-kompetenza jew tat-tagħmir. Id-dispożizzjonijiet tal-arranġamenti għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni.

5. Il-Kummissjoni tista', abbażi tal-valutazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 41, tinkariga kompiti oħra lill-Aġenzija, dment li dawn ma jidduplikawx attivitajiet imwettqa minn entità inkarigata oħra u li jkollhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-komponenti spazjali tal-Unjoni.

6. Kull meta jiġu inkarigati attivitajiet lill-Aġenzija, għandhom jiġu żgurati riżorsi finanzjarji, umani u amministrattivi xierqa għall-implimentazzjoni tagħhom

7. L-Aġenzija għandha tiżgura li l-operaturi kuntrattwali jkollhom oqfsa ta' kompetenza, ippjanar tas-suċċessjoni u kapaċità operazzjonali li jippermettu l-kontinwità tas-servizzi għall-utenti awtorizzati mill-gvern waqt kriżi jew interruzzjonijiet estiżi. Dan jista' jinkludi arranġamenti jew ftehimiet mal-awtoritajiet ospitanti biex jibbenefikaw mill-appoġġ tal-awtoritajiet nazzjonali u mill-miżuri stabbiliti biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz tal-infrastruttura kritika nazzjonali f'każ ta' kriżi.

Kapitolu 2

Organizzazzjoni tal-Aġenzija

Artikolu 5

Struttura amministrattiva u ta' ġestjoni

1. L-istruttura amministrattiva u ta' ġestjoni tal-Aġenzija għandha tinkludi:

(a) Bord Amministrattiv;

(b) Direttur Eżekuttiv u Viċi Direttur Eżekuttiv;

(c) Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà;

2. Il-Bord Amministrattiv, id-Direttur Eżekuttiv, il-Viċi Direttur Eżekuttiv u l-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandhom jikkooperaw biex jiżguraw l-operat tal-Aġenzija u l-koordinazzjoni f'konformità mal-proċeduri ddeterminati mir-regoli interni tal-Aġenzija, ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija, ir-regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ("Regolamenti tal-Persunal") u r-regoli dwar l-aċċess għad-dokumenti.

Artikolu 6

Kompożizzjoni tal-Bord Amministrattiv

1. Il-Bord Amministrattiv għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru, u tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni, kollha bi drittijiet tal-vot. Il-Bord Amministrattiv għandu jinkludi wkoll membru wieħed maħtur mill-Parlament Ewropew, li ma jkollux drittijiet tal-vot.

2. Il-President jew il-Viċi President tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, rappreżentant tal-Kunsill, rappreżentant tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli") u rappreżentant tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA, European Space Agency) għandhom jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat tal-Bord Amministrattiv bħala osservaturi għal kwistjonijiet relatati direttament magħhom, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli ta' proċedura tal-Bord Amministrattiv.

3. Kull membru tal-Bord Amministrattiv għandu jkollu membru supplenti. Il-membru supplenti għandu jirrappreżenta lill-membru fl-assenza tiegħu.

4. Kull Stat Membru għandu jinnomina membru u membru supplenti tal-Bord Amministrattiv b'kont meħud tal-għarfien tagħhom fil-qasam tal-kompiti tal-Aġenzija u l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attivitajiet tal-Bord Amministrattiv, il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jillimitaw it-tibdil tar-rappreżentanti tagħhom fil-Bord Amministrattiv. Il-partijiet kollha għandhom jimmiraw li jiksbu rappreżentanza bilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fil-Bord Amministrattiv.

5. Il-mandat tal-membri tal-Bord Amministrattiv u tas-supplenti tagħhom għandu jkun ta' 4 snin u għandu jkun li jista' jiġġedded darba.

6. Fejn ikun xieraq, il-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-kundizzjonijiet għal tali parteċipazzjoni għandhom jiġu stabbiliti fil-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 39(1) u għandhom ikunu konformi mar-regoli ta' proċedura tal-Bord Amministrattiv. Dawk ir-rappreżentanti ma għandu jkollhom ebda dritt tal-vot.

Artikolu 7

President tal-Bord Amministrattiv

1. Il-Bord Amministrattiv għandu jeleġġi President u Viċi President minn fost il-membri tiegħu li jkollhom drittijiet tal-vot. Il-Viċi President għandu jissostitwixxi awtomatikament lill-President jekk dan ma jkunx jista' jaqdi dmirijietu.

2. Il-mandat tal-President u tal-Viċi President għandu jkun ta' sentejn u għandu jkun jista' jiġġedded darba. Kull mandat għandu jintemm meta dik il-persuna ma tibqax membru tal-Bord Amministrattiv.

3. Il-Bord Amministrattiv għandu jkollu s-setgħa li jneħħi mill-kariga lill-President u lill-Viċi President.

4. Għandha tkun meħtieġa maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri votanti tal-Bord Amministrattiv għall-elezzjoni u t-tneħħija tal-President u tal-Viċi President.

Artikolu 8

Laqgħat tal-Bord Amministrattiv

1. Il-President għandu jsejjaħ il-laqgħat tal-Bord Amministrattiv.

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet tal-Bord Amministrattiv, sakemm il-President ma jiddeċidix mod ieħor. Id-Direttur Eżekuttiv ma għandux ikollu d-dritt li jivvota.

3. Il-Bord Amministrattiv għandu jorganizza laqgħat ordinarji fuq bażi regolari, mill-inqas darbtejn fis-sena. Barra minn hekk, huwa għandu jiltaqa' fuq inizjattiva tal-President tiegħu, fuq talba ta' mill-inqas terz tal-membri tiegħu jew fuq talba tal-Kummissjoni.

4. Il-Bord Amministrattiv jista' jistieden kwalunkwe persuna li l-fehma tagħha tista' tkun ta' interess biex tattendi l-laqgħat bħala osservatur. Il-membri tal-Bord Amministrattiv jistgħu, soġġett għar-regoli ta' proċedura tiegħu, jiġu assistiti minn konsulenti jew esperti.

5. Fejn id-deliberazzjonijiet ikunu jikkonċernaw l-użu ta' infrastruttura nazzjonali sensittiva, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni jistgħu jattendu l-laqgħat u d-deliberazzjonijiet tal-Bord Amministrattiv fuq bażi ta' ħtieġa ta' tagħrif.

6. B'eċċezzjoni mill-Artikolu 11(1), fejn id-deliberazzjonijiet ikunu jikkonċernaw l-użu ta' infrastruttura nazzjonali sensittiva msemmija fil-paragrafu 5, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri li jkollhom tali infrastruttura u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni biss għandu jkollhom drittijiet tal-vot.

7. B'eċċezzjoni mill-Artikolu 7(1), fejn il-President tal-Bord Amministrattiv ma jkunx jirrappreżenta wieħed mill-Istati Membri li jkollhom l-infrastruttura nazzjonali sensittiva msemmija fil-paragrafu 5, dan għandu jiġi sostitwit mir-rappreżentanti tal-Istati Membri li jkollhom tali infrastruttura. Ir-regoli ta' proċedura tal-Bord Amministrattiv għandhom jistabbilixxu s-sitwazzjonijiet li fihom tista' tapplika din il-proċedura.

8. Meta fl-aġenda jkun hemm kwistjoni ta' kunfidenzjalità jew ta' kunflitt ta' interess, il-Bord Amministrattiv għandu jiddiskuti u jiddeċiedi dwar dik il-kwistjoni mingħajr il-preżenza tal-membru kkonċernat. Jistgħu jiġu stabbiliti regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fir-regoli ta' proċedura tal-Bord Amministrattiv.

9. L-Aġenzija għandha tipprovdi s-segretarjat tal-Bord Amministrattiv.

Artikolu 9

Kompiti tal-Bord Amministrattiv

Il-Bord Amministrattiv għandu:

(a) jiżgura li l-Aġenzija twettaq il-ħidma tagħha skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u jadotta kwalunkwe deċiżjoni meħtieġa għal dak il-għan. Id-deċiżjonijiet tal-Bord Amministrattiv ma għandhomx jaffettwaw il-kompetenzi tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għall-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà.

(b) sal-15 ta' Novembru ta' kull sena, jadotta b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri votanti tiegħu, il-programm ta' ħidma tal-Aġenzija għas-sena ta' wara, wara li jinkorpora, mingħajr ebda bidla, it-taqsima mfassla mill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, u wara li jkun irċieva l-opinjoni tal-Kummissjoni;

(c) sat-30 ta' Ġunju tal-ewwel sena tal-qafas finanzjarju pluriennali previst fl-Artikolu 312 tat-TFUE, jadotta b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri votanti tiegħu, il-programm ta' ħidma pluriennali tal-Aġenzija għall-perjodu kopert minn dak il-qafas finanzjarju pluriennali wara li jinkorpora, mingħajr ebda bidla, it-taqsima mfassla mill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà u wara li jkun irċieva l-opinjoni tal-Kummissjoni. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi kkonsultat dwar il-programm ta' ħidma pluriennali tal-Aġenzija, dment li l-għan tal-konsultazzjoni jkun skambju ta' fehmiet u l-eżitu ma jkunx vinkolanti fuq l-Aġenzija;

(d) iwettaq il-funzjonijiet baġitarji stipulati fl-Artikolu 24;

(e) jissorvelja l-operat tal-istruttura ta' monitoraġġ tas-sigurtà;

(f) jadotta arranġamenti għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001[13], f'konformità mal-Artikolu 36;

(g) japprova l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 39(2) b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri votanti tiegħu wara li jikkonsulta lill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà dwar id-dispożizzjonijiet tal-arranġamenti fir-rigward tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà;

(h) jadotta l-proċeduri tekniċi meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tiegħu;

(i) jadotta r-rapport annwali dwar l-attivitajiet u l-prospetti tal-Aġenzija, wara li tkun ġiet inkorporata fih, mingħajr ebda tibdil, it-taqsima mfassla mill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà u jibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, sal-1 ta' Lulju ta' kull sena;

(j) jiżgura segwitu adegwat għas-sejbiet u għar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-evalwazzjonijiet u r-rapportar imsemmija fl-Artikolu 41, kif ukoll dawk li jirriżultaw minn investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u mir-rapporti kollha ta' awditjar intern jew estern, u jibgħat l-informazzjoni kollha rilevanti għall-eżitu tal-proċeduri ta' evalwazzjoni lill-awtorità baġitarja;

(k) jadotta b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri votanti tiegħu, ir-regoli tas-sigurtà tal-Aġenzija kif imsemmija fl-Artikolu 37(1);

(l) japprova strateġija kontra l-frodi, abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv;

(m) fejn ikun meħtieġ u abbażi ta' proposti mid-Direttur Eżekuttiv, japprova l-istrutturi organizzattivi msemmija fil-punt (l) tal-Artikolu 13(1);

(n) jaħtar Uffiċjal tal-Kontabilità, li jista' jkun l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, li għandu jkun:

(i) soġġett għar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni ("Kundizzjonijiet tal-Impjieg"), stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68[14]; u

[13] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj).

[14] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Impjegati Oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jistabbilixxi miżuri partikolari li huma temporanjament applikabbli għall-

(ii) indipendenti għalkollox fit-twettiq ta' dmirijietu;

(o) jadotta, b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri votanti tiegħu, u jippubblika r-regoli ta' proċedura tiegħu;

(p) japprova b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri votanti tiegħu, id-deċiżjoni dwar l-istabbiliment ta' uffiċċju lokali kif imsemmi fl-Artikolu 3(2);

(q) fuq proposta tad-Direttur Eżekuttiv, jadotta b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri votanti tiegħu, deċiżjoni li tiddikjara sitwazzjoni ta' kriżi, kif definita skont l-Artikolu 2(22) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] għall-finijiet tal-Artikolu 163(6) ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi għall-utenti awtorizzati mill-gvern. Ir-regoli ta' proċedura tal-Bord Amministrattiv għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li jippermettu reazzjoni fil-pront u t-teħid tad-deċiżjoni mingħajr dewmien.

Artikolu 10

Setgħat ta' ħatra tal-Bord Amministrattiv

1. Fir-rigward tal-persunal tal-Aġenzija, il-Bord Amministrattiv għandu jeżerċita s-setgħat ikkonferiti bir-Regolamenti tal-Persunal fuq l-awtorità tal-ħatra u bil-Kundizzjonijiet tal-Impjieg fuq l-awtorità bis-setgħa li tikkonkludi kuntratti ta' impjieg (is-"setgħat tal-awtorità tal-ħatra") kif stabbilit fil-paragrafi 2 sa 8.

2. Il-Bord Amministrattiv għandu jadotta, f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 110(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, deċiżjoni abbażi tal-Artikolu 2(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikolu 6 tal-Kundizzjonijiet tal-Impieg, li tiddelega s-setgħat rilevanti tal-awtorità tal-ħatra lid-Direttur Eżekuttiv u li tiddefinixxi l-kundizzjonijiet li bihom din id-delega tas-setgħat tista' tiġi sospiża. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta lura lill-Bord Amministrattiv dwar l-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat delegati. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun awtorizzat li jissottodelega dawk is-setgħat.

3. Fejn ċirkostanzi eċċezzjonali jkunu jirrikjedu dan, il-Bord Amministrattiv jista' jissospendi temporanjament id-delega tas-setgħat tal-awtorità tal-ħatra lid-Direttur Eżekuttiv u dawk sottodelegati mid-Direttur Eżekuttiv, u jeżerċitahom hu stess jew jiddelegahom lil wieħed mill-membri tiegħu jew lil membru tal-persunal ieħor għajr id-Direttur Eżekuttiv.

4. B'deroga mill-paragrafu 2, il-Bord Amministrattiv għandu jiddelega lill-President tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà s-setgħat tal-awtorità tal-ħatra fir-rigward tar-reklutaġġ, il-valutazzjoni u l-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-persunal involut fl-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà kif ukoll il-miżuri dixxiplinari li jridu jittieħdu fir-rigward ta' tali persunal.

5. Fejn ċirkostanzi eċċezzjonali jirrikjedu dan, il-Bord Amministrattiv jista' jiddeċiedi li jissospendi temporanjament id-delega tas-setgħat tal-awtorità tal-ħatra lill-

---

uffiċjali tal-Kummissjoni (ĠU L 56, 04.03.1968, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1968/259(1)/oj).

(15) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

President tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà u li jeżerċitahom huwa stess jew jiddelegahom lil membru ieħor tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà.

6. Il-Bord Amministrattiv għandu jadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 110(2) tar-Regolamenti tal-Persunal. Huwa l-ewwel għandu jikkonsulta lill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà u jqis kif dovut l-osservazzjonijiet tiegħu fir-rigward tar-reklutaġġ, il-valutazzjoni u l-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-persunal involut fl-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà u l-miżuri dixxiplinari rilevanti li jridu jittieħdu fir-rigward ta' tali persunal.

7. Il-Bord Amministrattiv għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi regoli dwar l-issekondar ta' esperti nazzjonali fl-Aġenzija. Qabel ma jadotta dik id-deċiżjoni, il-Bord Amministrattiv għandu jikkonsulta lill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà fir-rigward tal-issekondar tal-esperti nazzjonali involuti fl-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà u għandu jqis kif dovut l-osservazzjonijiet tiegħu.

8. Il-Bord Amministrattiv għandu jaħtar id-Direttur Eżekuttiv u l-Viċi Direttur Eżekuttiv. Il-Bord Amministrattiv għandu jikkonsulta lid-Direttur Eżekuttiv qabel il-ħatra tal-Viċi Direttur Eżekuttiv, u qabel kwalunkwe estensjoni tal-mandat tagħhom jew it-tneħħija tagħhom mill-kariga.

9. Il-Bord Amministrattiv għandu jeżerċita awtorità dixxiplinari fuq id-Direttur Eżekuttiv u, f'konsultazzjoni mad-Direttur Eżekuttiv, fuq il-Viċi Direttur Eżekuttiv, fir-rigward tal-prestazzjoni tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' sigurtà li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Aġenzija.

Artikolu 11

Regoli tal-votazzjoni tal-Bord Amministrattiv

1. Il-Bord Amministrattiv għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza tal-membri votanti tiegħu ħlief meta tkun prevista maġġoranza differenti minn dan ir-Regolament.

2. Kull rappreżentant tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni għandu jkollu vot wieħed. Fl-assenza ta' membru bid-dritt tal-vot, is-sostitut tiegħu għandu jkun intitolat li jeżerċita d-dritt tal-vot tiegħu. Id-deċiżjonijiet ibbażati fuq l-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu, il-punt (b) ħlief għat-taqsima abbozzata mill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, l-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu, il-punt (j) meta jiġu adottati deċiżjonijiet relatati mas-segwitu għar-rapporti tal-OLAF, l-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu, il-punt (n), l-Artikolu 10, l-Artikolu 24(8) u d-deċiżjonijiet relatati mal-Kapitolu 4 għandhom jiġu adottati biss b'vot favorevoli tar-rappreżentanti tal-Kummissjoni.

3. Ir-regoli ta' proċedura tal-Bord Amministrattiv għandhom jistabbilixxu arranġamenti iktar dettaljati tal-votazzjoni, inklużi l-kundizzjonijiet biex membru jaġixxi f'isem membru ieħor, kif ukoll kwalunkwe rekwiżit ta' kworum skont kif ikun xieraq.

Artikolu 12

Direttur Eżekuttiv

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jimmaniġġa l-Aġenzija.

2. Dan l-Artikolu ma għandux jaffettwa l-awtonomija jew l-indipendenza tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà u tal-persunal tal-Aġenzija taħt is-superviżjoni tiegħu u

s-setgħat mogħtija lill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà u lill-President tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà minn dan ir-Regolament.

3. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni u tal-Bord Amministrattiv, id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun indipendenti fit-twettiq ta' dmirijietu u la għandu jfittex u lanqas ma għandu jieħu struzzjonijiet mingħand kwalunkwe gvern jew korp ieħor.

Artikolu 13

Kompiti u responsabbiltajiet tad-Direttur Eżekuttiv

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) jirrappreżenta lill-Aġenzija;

(b) jiffirma kwalunkwe ftehim qafas ta' sħubija finanzjarja u ftehim ta' kontribuzzjoni relatati mal-kompiti tal-Aġenzija wara konsultazzjoni mal-Bord Amministrattiv;

(c) iħejji l-ħidma tal-Bord Amministrattiv u jipparteċipa, mingħajr ma jkollu d-dritt tal-vot, fil-ħidma tal-Bord Amministrattiv;

(d) jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-Bord Amministrattiv;

(e) iħejji l-programmi ta' ħidma pluriennali u annwali tal-Aġenzija u jissottomettihom lill-Bord Amministrattiv għall-approvazzjoni, ħlief għall-partijiet imħejjija u adottati mill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà f'konformità mal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 17(3);

(f) jimplimenta l-programmi ta' ħidma pluriennali u annwali, bl-eċċezzjoni tal-partijiet implimentati mill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà;

(g) iħejji rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali u, fejn ikun rilevanti, tal-programm ta' ħidma pluriennali għal kull laqgħa tal-Bord Amministrattiv, li jinkorpora, mingħajr ebda tibdil, it-taqsima mħejjija mill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà;

(h) iħejji r-rapport annwali dwar l-attivitajiet u l-prospetti tal-Aġenzija bl-eċċezzjoni tat-taqsima mħejjija u approvata mill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, u jippreżentah lill-Bord Amministrattiv għall-approvazzjoni;

(i) jieħu ħsieb l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-Aġenzija u jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżgura l-funzjonament tal-Aġenzija f'konformità ma' dan ir-Regolament, inkluża l-adozzjoni tal-istruzzjonijiet amministrattivi interni u l-pubblikazzjoni tal-avviżi;

(j) ifassal abbozz ta' dikjarazzjoni tal-estimi tad-dħul u tan-nefqa għall-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 24 u jimplimenta l-baġit f'konformità mal-Artikolu 26;

(k) jiżgura li l-Aġenzija, bħala l-operatur tal-istruttura ta' monitoraġġ tas-sigurtà, tkun tista' tirrispondi għall-istruzzjonijiet ipprovduti skont id-[*Deċiżjoni (PESK) XXXX/XXX li temenda 2021/69*8] u twettaq ir-rwol tagħha kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE;

(l) jiżgura ċ-ċirkolazzjoni tal-informazzjoni rilevanti kollha, inkluża dik fir-rigward tas-sigurtà, fl-istruttura amministrattiva u ta' ġestjoni tal-Aġenzija msemmija fl-Artikolu 5(1);

(m) jiddetermina l-istrutturi organizzazzjonali tal-Aġenzija u jissottomettihom lill-Bord Amministrattiv għall-approvazzjoni, ħlief dawk relatati mal-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà;

(n) jiżgura li l-istrutturi organizzazzjonali msemmija fil-punt (m) jirriflettu l-karatteristiċi speċifiċi tad-diversi komponenti tas-sistemi spazjali tal-Unjoni;

(o) jeżerċita s-setgħat tal-awtorità tal-ħatra ddelegati lilu kif imsemmi fl-Artikolu 10;

(p) jiżgura li jiġu pprovduti servizzi segretarjali lill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà;

(q) bl-eċċezzjoni tat-taqsima tal-pjan ta' azzjoni dwar l-attivitajiet relatati mal-akkreditazzjoni tas-sigurtà, iħejji pjan ta' azzjoni biex jiżgura s-segwitu tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjonijiet tal-attivitajiet imwettqa għall-implimentazzjoni tal-komponenti spazjali tal-Unjoni u, wara li jkun inkorpora, mingħajr ebda tibdil, it-taqsima mfassla mill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, jissottometti rapport ta' progress lill-Kummissjoni darbtejn fis-sena, li għandu jiġi ppreżentat ukoll lill-Bord Amministrattiv għall-informazzjoni;

(r) jieħu l-miżuri li ġejjin biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

(i) miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra u jagħmel użu minn miżuri superviżorji effettivi;

(ii) jirkupra ammonti li ma kellhomx jitħallsu meta jinstabu irregolaritajiet u, fejn ikun xieraq, japplika penali amministrattivi u finanzjarji effettivi, proporzjonati u dissważivi;

(s) ifassal strateġija kontra l-frodi għall-Aġenzija li tkun proporzjonata għar-riskju ta' frodi, filwaqt li titqies analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-miżuri li jridu jiġu implimentati u jitqiesu s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-investigazzjonijiet tal-OLAF u jissottometti l-istrateġija kontra l-frodi lill-Bord Amministrattiv għall-approvazzjoni;

(t) jipprovdi rapporti lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill dwar it-twettiq ta' dmirijietu meta jiġi mistieden biex jagħmel dan.

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiddeċiedi jekk ikunx meħtieġ li jiġi stabbilit uffiċċju lokali f'konformità mal-Artikolu 3(2). Qabel ma jiddeċiedi li jistabbilixxi uffiċċju lokali, id-Direttur Eżekuttiv għandu jikseb l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni, tal-Bord Amministrattiv u tal-Istati Membri kkonċernati. Id-deċiżjoni għandha tispeċifika l-ambitu tal-attivitajiet li jridu jitwettqu fl-uffiċċju lokali b'mod li jiġu evitati l-kostijiet bla bżonn u d-duplikazzjoni tal-funzjonijiet amministrattivi tal-Aġenzija.

3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiddeċiedi li jpoġġi membru wieħed jew aktar tal-persunal f'uffiċċju lokali fl-Istati Membri jew fi kwalunkwe post taċ-ċentri tal-infrastruttura terrestri tal-komponenti spazjali tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(3) għall-fini tat-twettiq tal-kompiti tal-Aġenzija b'mod effiċjenti u effettiv. Fejn ikun possibbli, l-impatt f'termini ta' allokazzjoni tal-persunal u ta' baġit għandu jiġi inkorporat fl-abbozz ta' dokument uniku ta' programmazzjoni msemmi fl-Artikolu 24(6).

Artikolu 14

Viċi Direttur Eżekuttiv

1. Viċi Direttur Eżekuttiv għandu jassisti lid-Direttur Eżekuttiv. Jekk id-Direttur Eżekuttiv ikun assenti jew indispost, jew il-kariga tkun vakanti, il-Viċi Direttur Eżekuttiv għandu jissostitwih.

2. Il-Bord Amministrattiv għandu jiddefinixxi l-kompiti tal-Viċi Direttur Eżekuttiv wara li jkun ikkonsulta lid-Direttur Eżekuttiv.

Artikolu 15

Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà

1. Il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà stabbilit fl-Aġenzija għandu jkun l-awtorità ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà għall-komponenti spazjali tal-Unjoni.

2. Il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jkun magħmul minn rappreżentant ta' kull Stat Membru, rappreżentant tal-Kummissjoni u rappreżentant tar-Rappreżentant Għoli. Il-mandat tal-membri tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jkun ta' 4 snin u għandu jkun jista' jiġġedded darba.

3. Xi laqgħat tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà jew partijiet minnhom jistgħu jsiru mingħajr il-parteċipazzjoni tar-rappreżentant tal-Kummissjoni biss jekk il-Kummissjoni tkun tat il-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel. Il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bi kwalunkwe dokument u informazzjoni skambjata waqt dawk il-laqgħat jew kwalunkwe dokument u informazzjoni ċċirkolata bi tħejjija għal jew wara dawk il-laqgħat.

4. Il-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandha tkun fuq bażi ta' ħtieġa ta' tagħrif. Fejn ikun xieraq, il-President tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà jista' jistieden rappreżentanti tal-Aġenzija mhux involuti fl-akkreditazzjoni tas-sigurtà u rappreżentanti tal-ESA biex jattendu l-laqgħat tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà bħala osservaturi.

5. Il-President tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà jista' jistieden ukoll rappreżentanti ta' Aġenziji tal-Unjoni, ta' pajjiżi terzi jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali biex jattendu l-laqgħat tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà bħala osservaturi għal kwistjonijiet relatati direttament ma' dawk l-Aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari kwistjonijiet li jikkonċernaw l-infrastruttura li tappartjeni lilhom jew li tkun stabbilita fit-territorju tagħhom. L-arranġamenti għall-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-kundizzjoni għal tali parteċipazzjoni għandhom jiġu stabbiliti fil-ftehimiet rilevanti msemmija fl-Artikolu 39(1) u għandhom ikunu konformi mar-regoli ta' proċedura tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà.

6. Fuq stedina tal-Kummissjoni, ir-rappreżentanti tal-kuntratturi involuti fl-infrastruttura u s-servizzi governattivi għall-utenti awtorizzati mill-gvern tal-komponenti spazjali tal-Unjoni jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, bħala osservaturi, għal kwistjonijiet relatati direttament ma' dawk il-kuntratturi.

Artikolu 16

Prinċipji ġenerali tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà

1. Il-komponenti jew is-subkomponenti spazjali tal-Unjoni soġġetti għar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-[*Artikolu 77(3) tar-Regolament FEK*] għandhom jgħaddu minn proċess ta' akkreditazzjoni, li jwassal għal dikjarazzjoni formali minn awtorità ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà li l-komponent jew is-subkomponent ikun approvat biex jopera kif stabbilit f'dawk ir-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà.

2. L-akkreditazzjoni tas-sigurtà għandha titwettaq f'konformità mal-prinċipji li ġejjin:

   (a) l-attivitajiet u d-deċiżjonijiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà għandhom jitwettqu f'kuntest ta' responsabbiltà kollettiva bil-għan li jiġu protetti s-sigurtà kemm tal-Unjoni kif ukoll tal-Istati Membri;

   (b) il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jagħmel kull sforz biex jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'kunsens;

   (c) l-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà għandhom jitwettqu bl-użu ta' approċċ ta' valutazzjoni u ta' ġestjoni tar-riskju, li jikkunsidra r-riskji għas-sigurtà tal-komponent ikkonċernat kif ukoll l-impatt fuq il-kost jew l-iskeda ta' kwalunkwe miżura biex jiġu mitigati r-riskji, b'kont meħud tal-objettiv li ma jitnaqqasx il-livell ġenerali ta' sigurtà ta' dak il-komponent u filwaqt li tiġi kkunsidrata l-kontinwità tas-servizzi u l-forniment ta' servizzi ġodda;

   (d) l-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà għandhom jitwettqu b'kont meħud tal-iskeda għall-implimentazzjoni ta' kull komponent rilevanti u ma għandhomx jittardjaw jew jippreġudikaw bla bżonn din l-implimentazzjoni;

   (e) id-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà dwar l-akkreditazzjoni tas-sigurtà għandhom jitħejjew u jittieħdu minn professjonisti li jkunu debitament kwalifikati fil-qasam tal-akkreditazzjoni ta' sistemi kumplessi, ikollhom livell xieraq ta' approvazzjoni tas-sigurtà u li jaġixxu b'mod oġġettiv;

   (f) għandhom isiru sforzi biex jiġu kkonsultati l-partijiet rilevanti kollha li jkollhom interess fi kwistjonijiet relatati mas-sigurtà għall-komponent kkonċernat;

   (g) l-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà għandhom jitwettqu bl-aċċertament li l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha tal-komponent ikkonċernat iwettqu l-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà f'konformità ma' strateġija ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà, mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Kummissjoni;

   (h) wara l-proċess definit fl-istrateġija approvata mill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà f'konformità mal-Artikolu 17(2), il-punt (a), id-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà dwar l-akkreditazzjoni tas-sigurtà għandhom ikunu bbażati fuq deċiżjonijiet lokali dwar l-akkreditazzjoni tas-sigurtà meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali rispettivi tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà tal-Istati Membri;

   (i) proċess ta' monitoraġġ permanenti, trasparenti u li jinftiehem għalkollox għandu jiżgura li r-riskji għas-sigurtà tal-komponent jew tas-subkomponent spazjali kkonċernat jiġu identifikati, li jiġu definiti miżuri tas-sigurtà biex dawk ir-riskji jitnaqqsu għal livell aċċettabbli, fid-dawl tal-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri, u biex il-komponent jew is-subkomponent spazjali jitħaddem mingħajr problemi, u li dawk il-miżuri jiġu applikati f'konformità

mal-kunċett ta' difiża profonda. L-effettività ta' dawk il-miżuri għandha tiġi evalwata b'mod kontinwu u l-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji għas-sigurtà għandhom jitwettqu bħala proċess iterattiv b'mod konġunt mill-partijiet ikkonċernati tal-komponent jew tas-subkomponent spazjali kkonċernat;

(j) il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jieħu d-deċiżjonijiet dwar l-akkreditazzjoni tas-sigurtà b'mod rigorożament indipendenti, inkluż fir-rigward tal-Kummissjoni u tal-korpi l-oħra responsabbli għall-implimentazzjoni tal-komponent jew tas-subkomponent spazjali kkonċernat u għall-forniment tas-servizzi relatati, kif ukoll fir-rigward tad-Direttur Eżekuttiv u tal-Bord Amministrattiv;

(k) l-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà għandhom jitwettqu billi titqies kif dovut il-ħtieġa għal koordinazzjoni adegwata bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tar-regoli tas-sigurtà;

(l) l-akkreditazzjoni tas-sigurtà tal-EGNOS imwettqa mill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni mwettqa għall-avjazzjoni mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni.

Artikolu 17

Kompiti u responsabbiltajiet tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà

1. Il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jwettaq il-kompiti tiegħu mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni jew tal-korpi l-oħra tal-Aġenzija, b'mod partikolari għal kwistjonijiet relatati mal-isfruttament tal-komponenti jew tas-subkomponenti spazjali tal-Unjoni u l-kontinwità tas-servizzi u tas-sigurtà, u tal-entitajiet fdati u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà.

2. Il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jkollu l-kompiti li ġejjin:

(a) li jiddefinixxi u japprova strateġija għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà li tistabbilixxi:

(i) l-ambitu tal-attivitajiet meħtieġa biex titwettaq u tinżamm l-akkreditazzjoni tal-komponenti jew tas-subkomponenti spazjali tal-Unjoni, jew partijiet minn dawk il-komponenti jew subkomponenti u kwalunkwe interkonnessjoni bejniethom u bejn sistemi jew komponenti oħra;

(ii) proċess ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà għall-komponenti jew għas-subkomponenti spazjali Unjoni, jew għal partijiet minn dawk il-komponenti jew subkomponenti, b'livell ta' dettall li jkun jaqbel mal-livell meħtieġ ta' aċċertament u fejn jiġu ddikjarati b'mod ċar il-kundizzjonijiet għall-akkreditazzjoni;

(iii) ir-rwol tal-partijiet ikkonċernati rilevanti involuti fil-proċess ta' akkreditazzjoni;

(iv) pjan ta' akkreditazzjoni li jikkonforma mal-fażijiet tal-komponenti jew tas-subkomponenti spazjali tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-varar tal-infrastruttura, il-forniment u l-evoluzzjoni tas-servizzi kif stabbilit mill-Kummissjoni;

(v) il-prinċipji tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà għan-networks konnessi mas-sistemi stabbiliti fil-qafas tal-komponenti jew tas-subkomponenti spazjali tal-Unjoni jew għal partijiet minn dawk il-komponenti jew subkomponenti, u għat-tagħmir konness mas-sistemi stabbiliti minn dawk il-komponenti jew subkomponenti, li għandha titwettaq mill-entitajiet nazzjonali tal-Istati Membri li jkunu kompetenti fi kwistjonijiet tas-sigurtà;

(b) li jieħu deċiżjonijiet dwar l-akkreditazzjoni tas-sigurtà, inkluż dwar l-approvazzjoni tal-proċeduri tas-sigurtà għall-varar tas-satelliti jew dwar l-approvazzjoni unika għall-varar f'każ ta' kostellazzjonijiet, l-awtorizzazzjoni għat-tħaddim tas-sistemi stabbiliti taħt komponenti jew subkomponenti spazjali tal-Unjoni jew l-elementi ta' dawk il-komponenti jew subkomponenti fil-konfigurazzjonijiet differenti tagħhom u għad-diversi servizzi li jipprovdu, inkluż u sas-sinjal fl-ispazju, u l-awtorizzazzjoni tat-tħaddim tal-istazzjonijiet ta' fuq l-art;

(c) li jieħu deċiżjonijiet fir-rigward tan-networks u tat-tagħmir konnessi mas-servizz tal-PRS ipprovdut minn Galileo, jew konnessi ma' kwalunkwe servizz sigur ieħor li jirriżulta minn komponenti jew subkomponenti spazjali tal-Unjoni, fir-rigward biss tal-awtorizzazzjoni ta' korpi biex jiżviluppaw jew jimmanifatturaw teknoloġiji sensittivi tal-PRS, riċevituri tal-PRS jew moduli tas-sigurtà tal-PRS, jew kwalunkwe teknoloġija oħra jew tagħmir ieħor li jridu jiġu kkontrollati skont ir-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà ddeterminati għal kull komponent jew subkomponent f'konformità mal-[*Artikolu 77(3) tar-Regolament FEK*], filwaqt li jqis il-pariri pprovduti mill-entitajiet nazzjonali kompetenti fi kwistjonijiet tas-sigurtà u r-riskji ġenerali għas-sigurtà;

(d) li jeżamina u japprova d-dokumentazzjoni kollha relatata mal-akkreditazzjoni tas-sigurtà, ħlief fir-rigward ta' dokumenti relatati ma' atti adottati skont l-[*Artikolu 77(3) tar-Regolament FEK*] u ma' atti adottati f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE;

(e) li jeżamina u japprova l-valutazzjoni tar-riskji għas-sigurtà mfassla f'konformità mal-proċess ta' monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 16(2), il-punt (i), b'kont meħud tal-konformità mad-dokumenti msemmija fil-punt (d) u d-dokumenti mfassla f'konformità mal-[*Artikolu 77(3) tar-Regolament FEK*], u b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni biex jiddefinixxi l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji;

(f) li jikkontrolla l-implimentazzjoni ta' miżuri tas-sigurtà fir-rigward tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà tal-komponenti jew tas-subkomponenti spazjali tal-Unjoni billi jwettaq jew jisponsorja valutazzjonijiet, spezzjonijiet, awditi jew rieżamijiet tas-sigurtà, bi qbil u taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fi kwistjonijiet ta' sigurtà;

(g) li japprova l-għażla ta' prodotti u miżuri approvati li jipproteġu kontra l-interċettazzjonijiet elettroniċi (TEMPEST) u ta' prodotti kriptografiċi approvati li jintużaw biex jipprovdu sigurtà għall-komponenti jew għas-subkomponenti spazjali tal-Unjoni;

(h) li japprova jew, fejn ikun rilevanti, li jipparteċipa fl-approvazzjoni konġunta, flimkien mal-entitajiet rilevanti kompetenti fi kwistjonijiet tas-sigurtà, tal-interkonnessjoni bejn is-sistemi stabbiliti taħt il-komponenti jew is-

subkomponenti spazjali tal-Unjoni jew taħt partijiet minn dawk il-komponenti jew subkomponenti u sistemi oħra;

(i) li jiftiehem mal-Istat Membru rilevanti dwar il-mudell għall-kontroll tal-aċċess imsemmi fl-Artikolu 23(4);

(j) li jħejji rapporti dwar ir-riskji u jinforma lill-Kummissjoni, lill-Bord Amministrattiv u lid-Direttur Eżekuttiv dwar il-valutazzjoni tar-riskji tiegħu u jagħtihom pariri dwar l-opzjonijiet ta' trattament tar-riskji residwi għal deċiżjoni partikolari ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà;

(k) li jwettaq il-konsultazzjonijiet li jkunu meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tiegħu;

(l) li jadotta u jippubblika r-regoli ta' proċedura tiegħu;

(m) li jippubblika d-dikjarazzjonijiet ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess tal-membri tiegħu.

3. B'eċċezzjoni mill-Artikolu 9 u l-Artikolu 13, il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu:

(a) iħejji u japprova dik il-parti tal-programm ta' ħidma pluriennali fir-rigward tal-attivitajiet operazzjonali relatati mal-akkreditazzjoni tas-sigurtà u fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa biex jitwettqu dawk l-attivitajiet, u jippreżentaha lill-Bord Amministrattiv fiż-żmien propizju sabiex tiġi inkorporata fil-programm ta' ħidma pluriennali;

(b) iħejji u japprova dik il-parti tal-programm ta' ħidma annwali fir-rigward tal-attivitajiet operazzjonali relatati mal-akkreditazzjoni tas-sigurtà u fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa biex jitwettqu dawk l-attivitajiet, u jippreżentaha lill-Bord Amministrattiv fiż-żmien propizju sabiex tiġi inkorporata fil-programm ta' ħidma annwali;

(c) iħejji u japprova dik il-parti tar-rapport annwali li tikkonċerna l-attivitajiet u l-prospetti tal-Aġenzija relatati mal-akkreditazzjoni tas-sigurtà u r-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa biex jitwettqu dawk l-attivitajiet u l-prospetti, u jippreżentaha lill-Bord Amministrattiv fi żmien biżżejjed biex tiġi inkorporata fir-rapport annwali.

Artikolu 18

Regoli tal-votazzjoni tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà

1. Il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jfittex li jilħaq id-deċiżjonijiet tiegħu b'kunsens.

2. Jekk ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jieħu deċiżjonijiet abbażi ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, f'konformità mal-Artikolu 16 tat-TUE. Ir-rappreżentant tar-Rappreżentant Għoli ma għandux jivvota. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni ma għandux jivvota ħlief għal kwistjonijiet finanzjarji u ta' riżorsi umani, f'liema każ id-deċiżjonijiet għandhom jiġu adottati biss b'vot favorevoli tar-rappreżentanti tal-Kummissjoni. Il-President tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jiffirma, f'isem il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, id-deċiżjonijiet adottati mill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà.

3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni u r-rappreżentant tar-Rappreżentant Għoli għandhom ikunu preżenti matul id-diskussjonijiet u d-deliberazzjonijiet kollha tal-

Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà ħlief fil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15(3), u għandu jkollhom aċċess għall-abbozz ta' deċiżjonijiet tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà fi żmien xieraq sabiex jipprovdu opinjoni dwar l-impatt tagħhom fuq it-twettiq xieraq tal-komponenti jew tas-subkomponenti spazjali tal-Unjoni, inkluż f'termini tas-sigurtà tal-Unjoni.

Artikolu 19

Aspetti organizzazzjonali tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà

1. Il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jkollu aċċess għar-riżorsi umani u materjali meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tiegħu b'mod indipendenti. Huwa għandu jkollu aċċess għal kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tiegħu u li tkun fil-pussess tal-korpi l-oħra tal-Aġenzija, mingħajr preġudizzju għall-prinċipji tal-awtonomija u tal-indipendenza msemmija fl-Artikolu 16(2), il-punt (j).

2. Il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà u l-persunal tal-Aġenzija li jkun taħt is-superviżjoni tiegħu għandhom iwettqu l-ħidma tagħhom b'mod li jiżgura l-awtonomija u l-indipendenza tagħhom fir-rigward ta' attivitajiet oħra tal-Aġenzija, b'mod partikolari l-attivitajiet operazzjonali assoċjati mal-isfruttament tal-komponenti jew tas-subkomponenti spazjali tal-Unjoni.

3. Membru tal-persunal tal-Aġenzija taħt is-superviżjoni tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà ma għandux jiġi assenjat fl-istess ħin biex iwettaq kompiti oħra fl-Aġenzija li jistgħu jxekklu l-awtonomija u l-indipendenza tiegħu fir-rigward ta' attivitajiet oħra tal-Aġenzija. Għal dak il-għan, għandha tiġi stabbilita segregazzjoni organizzazzjonali effettiva fl-Aġenzija bejn il-persunal involut f'attivitajiet relatati mal-akkreditazzjoni tas-sigurtà u l-persunal l-ieħor tal-Aġenzija.

4. Il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jinforma minnufih lid-Direttur Eżekuttiv, lill-Bord Amministrattiv u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe ċirkostanza li tista' tfixkel l-awtonomija u l-indipendenza tiegħu. Fil-każ li ma jinstab l-ebda rimedju fi ħdan l-Aġenzija, il-Kummissjoni għandha teżamina s-sitwazzjoni, b'konsultazzjoni mal-partijiet rilevanti. Abbażi tal-eżitu ta' dak l-eżami, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa ta' mitigazzjoni li jridu jiġu implimentati mill-Aġenzija, u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dan.

5. Il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jistabbilixxi gruppi subordinati speċjali magħmula minn esperti mill-Istati Membri, li jaġixxu fuq l-istruzzjonijiet tiegħu, biex jittrattaw kwistjonijiet speċifiċi. B'mod partikolari, filwaqt li jiżgura l-kontinwità meħtieġa tal-ħidma, huwa għandu jistabbilixxi bord biex iwettaq rieżamijiet u testijiet tas-sigurtà u jipproduċi r-rapporti rilevanti dwar ir-riskji sabiex jassistuh fit-tħejjija tad-deċiżjonijiet tiegħu. Il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà jista' jistabbilixxi u jxolji gruppi ta' esperti sabiex jikkontribwixxu għall-ħidma ta' dan il-bord.

Artikolu 20

Il-President tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà

1. Il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jeleġġi President u Viċi President minn fost il-membri tiegħu b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha li jkollhom id-dritt tal-vot. Fejn ma tinkisibx maġġoranza ta' żewġ terzi wara żewġ

laqgħat tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, għandha tkun meħtieġa maġġoranza sempliċi.

2. Il-Viċi President għandu jissostitwixxi awtomatikament lill-President jekk il-President ma jkunx jista' jwettaq dmirijietu.

3. Il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jkollu s-setgħa li jneħħi mill-kariga lill-President, lill-Viċi President, jew lit-tnejn. Huwa għandu jadotta d-deċiżjoni ta' tneħħija b'maġġoranza ta' żewġ terzi.

4. Il-mandat tal-President u tal-Viċi President tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jkun ta' sentejn u jista' jiġġedded darba. Kull mandat għandu jintemm meta dik il-persuna ma tibqax membru tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà.

Artikolu 21

Kompiti tal-President tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà

1. Il-President tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jiżgura li l-Bord iwettaq l-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà b'mod indipendenti u għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

   (a) jiġġestixxi l-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà taħt is-superviżjoni tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà;

   (b) jimplimenta l-parti tal-programmi ta' ħidma pluriennali u annwali tal-Aġenzija relatata mal-akkreditazzjoni tas-sigurtà taħt is-superviżjoni tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà;

   (c) jikkoopera mad-Direttur Eżekuttiv sabiex jgħinu jħejji l-abbozz tat-tabella tal-persunal imsemmija fl-Artikolu 24(1) u l-istrutturi organizzazzjonali tal-persunal tal-Aġenzija involut fl-attivitajiet relatati mal-akkreditazzjoni tas-sigurtà;

   (d) iħejji t-taqsima tar-rapport ta' progress dwar l-attivitajiet operazzjonali relatati mal-akkreditazzjoni tas-sigurtà, u jissottomettiha lill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għall-approvazzjoni u lid-Direttur Eżekuttiv fi żmien xieraq biex tiġi inkorporata fir-rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali u, fejn ikun rilevanti, tal-programm ta' ħidma pluriennali;

   (e) iħejji t-taqsima tar-rapport annwali u tal-pjan ta' azzjoni, dwar l-attivitajiet operazzjonali relatati mal-akkreditazzjoni tas-sigurtà, u jissottomettiha lid-Direttur Eżekuttiv fi żmien xieraq biex tiġi inkorporata fir-rapport annwali dwar l-attivitajiet u l-prospetti tal-Aġenzija;

   (f) jirrappreżenta lill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għall-attivitajiet u d-deċiżjonijiet relatati mal-akkreditazzjoni tas-sigurtà;

   (g) fir-rigward tal-persunal tal-Aġenzija involut fl-attivitajiet relatati mal-akkreditazzjoni tas-sigurtà, jeżerċita s-setgħat imsemmija fl-Artikolu 10(4).

2. Għal kwistjonijiet relatati mal-akkreditazzjoni tas-sigurtà, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jitolbu lill-President tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għal skambju ta' fehmiet dwar il-ħidma u l-prospetti tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà.

Artikolu 22

Komunikazzjoni u impatt tad-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà

1. Id-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandhom jiġu indirizzati lill-Kummissjoni flimkien mal-informazzjoni kollha li tiġġustifika dik id-deċiżjoni.

2. Id-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandhom ikunu bbażati fuq informazzjoni li l-Kummissjoni kellha aċċess għaliha u li kellha l-opportunità li tipprovdi opinjoni dwar l-impatt tagħhom fuq it-tmexxija xierqa tal-komponenti jew tas-subkomponenti spazjali tal-Unjoni, inkluż f'termini tas-sigurtà tal-Unjoni.

3. F'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà biex tinħareġ deċiżjoni fi żmien 3 xhur. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà f'dan il-perjodu ta' żmien, id-deċiżjoni għandha titqies bħala affermattiva.

4. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà infurmat b'mod kontinwu dwar l-impatt ta' kwalunkwe deċiżjoni prevista mill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà fuq il-funzjonament kif suppost tal-komponenti jew tas-subkomponenti spazjali tal-Unjoni, u dwar l-implimentazzjoni ta' pjanijiet tat-trattament tar-riskji residwi. Il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jieħu nota ta' kwalunkwe informazzjoni ta' dan it-tip riċevuta mill-Kummissjoni.

5. Fuq stedina tal-Kummissjoni, il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mingħajr dewmien żejjed bid-deċiżjonijiet tiegħu u bl-impatt ta' dawk id-deċiżjonijiet fuq il-komponenti jew is-subkomponenti spazjali tal-Unjoni, b'mod partikolari f'termini tal-iskeda tal-kostijiet jew tal-prestazzjoni.

6. Jekk il-Kummissjoni tqis li deċiżjoni meħuda mill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà jista' jkollha effett sinifikanti fuq il-funzjonament kif suppost tal-komponenti jew tas-subkomponenti spazjali tal-Unjoni f'termini ta' kostijiet, ta' skeda jew ta' prestazzjoni, inkluż f'termini tas-sigurtà tal-Unjoni, hija għandha tinforma minnufih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. B'kont meħud tal-fehmiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li għandhom jiġu espressi fi żmien xahar, il-Kummissjoni jew il-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, kif rilevanti, għandhom jadottaw kwalunkwe miżura adegwata.

7. Il-Bord Amministrattiv għandu jinżamm infurmat perjodikament bl-evoluzzjoni tal-ħidma tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà.

8. L-iskeda ta' żmien għall-ħidma tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà ma għandhiex tfixkel l-iskeda ta' żmien għall-attivitajiet stabbiliti fil-programm ta' ħidma tal-Aġenzija.

Artikolu 23

Rwol tal-Istati Membri fl-akkreditazzjoni tas-sigurtà

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà l-informazzjoni kollha li huma jqisu rilevanti għall-finijiet tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà.

2. Bi qbil mal-entitajiet nazzjonali kompetenti fi kwistjonijiet tas-sigurtà u taħt is-superviżjoni tagħhom, l-Istati Membri għandhom jippermettu li persuni debitament awtorizzati u maħtura mill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà jkollhom aċċess għal

kwalunkwe informazzjoni u għal kwalunkwe żona u sit relatat mas-sigurtà ta' sistemi li jaqgħu fil-ġuriżdizzjoni tagħhom, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali tagħhom, inkluż għall-iskopijiet ta' spezzjonijiet, awditi u testijiet tas-sigurtà kif deċiżi mill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà u tal-proċess ta' monitoraġġ tar-riskji għas-sigurtà msemmi fl-Artikolu 16(2), il-punt (i). Dak l-aċċess għandu jkun mingħajr ebda diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità kontra ċittadini tal-Istati Membri.

3. L-awditi u t-testijiet imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jitwettqu f'konformità mal-prinċipji li ġejjin:

   (a) għandha tiġi enfasizzata l-importanza tas-sigurtà u tal-ġestjoni effettiva tar-riskju fl-entitajiet spezzjonati;

   (b) għandhom jiġu rrakkomandati kontromiżuri biex jiġi mitigat l-impatt speċifiku tat-telf tal-kunfidenzjalità, tal-integrità jew tad-disponibbiltà ta' informazzjoni klassifikata.

4. Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għat-tfassil ta' mudell għall-kontroll tal-aċċess, li jiddeskrivi jew jelenka ż-żoni jew is-siti li jridu jiġu akkreditati. Il-mudell għall-kontroll tal-aċċess għandu jintlaħaq qbil dwaru minn qabel bejn l-Istati Membri u l-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, sabiex b'hekk ikun żgurat li qed jiġi pprovdut l-istess livell ta' kontroll tal-aċċess mill-Istati Membri kollha.

5. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli, fil-livell lokali, għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà tas-siti li jinsabu fit-territorju tagħhom u li jiffurmaw parti miż-żona ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà għall-komponenti jew għas-subkomponenti spazjali tal-Unjoni, u jirrappurtaw, għal dan l-għan, lill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà.

6. B'eċċezzjoni mill-Artikolu 15(1), l-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-konformità mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-[*Artikolu 77(3) tar-Regolament FEK*] u għall-akkreditazzjoni ta' assi nazzjonali jew ta' servizzi pprovduti minn dawk l-assi, b'mod partikolari għall-forniturи ta' servizzi ta' SST u ta' GOVSATCOM għall-utenti awtorizzati mill-gvern.

Kapitolu 3

Stabbiliment u struttura tal-baġit

Artikolu 24

Stabbiliment tal-baġit

1. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-President tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għall-attivitajiet relatati mal-akkreditazzjoni tas-sigurtà, għandu jfassal abbozz proviżorju tal-istima tad-dħul u n-nefqa tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja ta' wara, filwaqt li jagħmel distinzjoni ċara bejn dawk l-elementi tal-abbozz ta' stima marbuta mal-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà, u dawk marbuta mal-attivitajiet l-oħra tal-Aġenzija. Il-President tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà jista' jikteb dikjarazzjoni dwar dak l-abbozz u d-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat kemm l-abbozz tal-istima kif ukoll id-dikjarazzjoni lill-Bord Amministrattiv u lill-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, rispettivament, flimkien ma' abbozz tat-tabella tal-persunal lill-Bord Amministrattiv.

2. L-abbozz proviżorju tal-istima għandu jkun ibbażat fuq l-objettivi u r-riżultati mistennija tad-dokument annwali ta' programmazzjoni, u għandu jqis ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex jintlaħqu dawk l-objettivi u jinkisbu r-riżultati mistennija, f'konformità mal-prinċipju ta' baġitjar abbażi tal-prestazzjoni.

3. Abbażi tal-abbozz proviżorju tal-istima tad-dħul u tan-nefqa u b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għall-attivitajiet relatati mal-akkreditazzjoni tas-sigurtà, il-Bord Amministrattiv għandu jadotta abbozz ta' dikjarazzjoni tal-estimi tad-dħul u tan-nefqa għall-Aġenzija għas-sena finanzjarja ta' wara.

4. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, il-Bord Amministrattiv għandu jibgħat abbozz ta' dokument uniku ta' programmazzjoni li jinkludi, fost affarijiet oħra, abbozz ta' dikjarazzjoni tal-estimi, abbozz tat-tabella tal-persunal u programm ta' ħidma annwali proviżorju lill-Kummissjoni u lill-pajjiżi terzi jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali li l-Aġenzija tkun daħlet f'arranġamenti magħhom f'konformità mal-Artikolu 39(2).

5. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-abbozz tal-istima tad-dħul u tan-nefqa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (l-"awtorità baġitarja") flimkien mal-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni. L-abbozz tal-istima għandu jkun disponibbli wkoll għall-Aġenzija.

6. Abbażi tal-abbozz tal-istima, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, li hija għandha tippreżenta quddiem l-awtorità baġitarja f'konformità mal-Artikoli 313 u 314 tat-TFUE, l-istimi li hija tqis neċessarji għat-tabella tal-persunal u l-ammont tal-kontribuzzjoni li għandha tintalab mill-baġit ġenerali.

7. L-awtorità baġitarja għandha tawtorizza l-approprjazzjonijiet għall-kontribuzzjoni mill-baġit ġenerali tal-Unjoni lill-Aġenzija u għandha tadotta t-tabella tal-persunal għall-Aġenzija.

8. Il-baġit għandu jiġi adottat mill-Bord Amministrattiv b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri votanti tiegħu. Dan għandu jsir finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni. Fejn ikun meħtieġ, il-baġit għandu jiġi aġġustat kif xieraq.

9. Għal kwalunkwe proġett ta' bini li x'aktarx ikollu implikazzjonijiet sinifikanti għall-baġit tal-Aġenzija, għandu japplika r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715[16].

Artikolu 25

Struttura tal-baġit

1. L-istimi tad-dħul u tal-infiq kollu tal-Aġenzija għandhom jitħejjew kull sena finanzjarja u għandhom jidhru fil-baġit tal-Aġenzija. Is-sena finanzjarja għandha tikkorrispondi mas-sena kalendarja.

2. Il-baġit tal-Aġenzija għandu jkun ibbilanċjat f'termini ta' dħul u nfiq.

[16] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj).

3. Mingħajr preġudizzju għal riżorsi u dovuti oħra, id-dħul tal-Aġenzija għandu jinkludi:

(a) kontribuzzjoni tal-Unjoni mdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni;

(b) kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja voluntarja mill-Istati Membri;

(c) kwalunkwe kontribuzzjoni mill-pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-ħidma tal-Aġenzija, kif previst fl-Artikolu 39(1);

(d) finanzjament possibbli tal-Unjoni fil-forma ta' ftehimiet ta' delega jew għotjiet *ad hoc* f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-Aġenzija msemmija fl-Artikolu 28 u mad-dispożizzjonijiet tal-istrumenti rilevanti li jappoġġaw il-politiki tal-Unjoni;

(e) l-imposti għall-pubblikazzjonijiet u t-tariffi għal kwalunkwe servizz ipprovdut mill-Aġenzija.

4. In-nefqa tal-Aġenzija għandha tinkludi r-remunerazzjoni tal-persunal, in-nefqa amministrattiva u għall-infrastruttura, il-kostijiet operatorji u n-nefqa assoċjata mal-funzjonament tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, u l-kuntratti u l-ftehimiet konklużi mill-Aġenzija sabiex twettaq il-kompiti fdati lilha.

Artikolu 26

Implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jaġixxi bħala uffiċjal awtorizzanti u għandu jimplimenta l-baġit tal-Aġenzija.

2. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jikkomunika lill-awtorità baġitarja l-informazzjoni kollha rilevanti għas-sejbiet tal-proċeduri tal-evalwazzjoni.

Artikolu 27

Preżentazzjoni tal-kontijiet tal-Aġenzija u kwittanza

Il-preżentazzjoni tal-kontijiet proviżorji u finali tal-Aġenzija u l-kwittanza għandhom isegwu r-regoli u l-iskeda ta' żmien tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715.

Artikolu 28

Regoli finanzjarji

Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija għandhom jiġu adottati mill-Bord Amministrattiv wara li jikkonsulta lill-Kummissjoni. Dawn ma għandhomx jiddevjaw mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715, sakemm tali devjazzjoni ma tkunx speċifikament meħtieġa għall-operat tal-Aġenzija u l-Kummissjoni tkun tat il-kunsens tagħha minn qabel.

Artikolu 29

Il-ġlieda kontra l-frodi

1. Sabiex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] għandhom japplikaw.

2. L-Aġenzija għandha taderixxi mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fir-rigward tal-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)[18] u għandha tadotta d-dispożizzjonijiet xierqa applikabbli għall-persunal tagħha billi tuża l-mudell stabbilit fl-Anness għal dak il-Ftehim.

3. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħa tal-awditjar, abbażi ta' dokumenti u fuq il-post, fir-rigward tal-benefiċjarji tal-għotjiet, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li jkunu rċevew fondi tal-Unjoni mingħand l-Aġenzija.

4. L-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' għotja jew kuntratt iffinanzjat mill-Aġenzija, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[19].

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi minn 1 sa 4, l-arranġamenti ta' ħidma ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, il-kuntratti, il-ftehimiet u d-deċiżjonijiet ta' għotja tal-Aġenzija għandu jkun fihom dispożizzjonijiet li jagħtu s-setgħa espressament lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu tali awditi u investigazzjonijiet, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

Kapitolu 4

Persunal

Artikolu 30

Il-persunal tal-Aġenzija

1. Ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra u r-regoli adottati permezz ta' ftehim bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex jidħlu fis-seħħ dawk ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra għandhom japplikaw għall-persunal tal-Aġenzija.

---

(17) Ir-Regolament (UE, EURATOM) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/883/oj).

(18) Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju tal-1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/1999/531/oj).

(19) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1996/2185/oj).

2. Il-persunal tal-Aġenzija għandu jikkonsisti minn aġenti impjegati mill-Aġenzija kif meħtieġ sabiex twettaq il-kompiti tagħha. Dan jista' jinkludi wkoll uffiċjali li jkunu ġew assenjati jew issekondati mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri fuq bażi temporanja skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 32. Kollha għandu jkollhom approvazzjoni tas-sigurtà xierqa għall-klassifikazzjoni tal-informazzjoni li jittrattaw.

3. Ir-regoli interni tal-Aġenzija, inklużi r-regoli ta' proċedura tal-Bord Amministrattiv, ir-regoli ta' proċedura tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija, ir-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal u r-regoli għall-aċċess għad-dokumenti, għandhom jiżguraw l-awtonomija u l-indipendenza tal-persunal li jwettaq l-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà fir-rigward tal-persunal li jwettaq l-attivitajiet l-oħra tal-Aġenzija.

4. Ir-regoli interni tal-Aġenzija għandhom jinkludu l-ġestjoni tal-kriżijiet u l-provvista tal-kontinwità tal-operat.

5. Fil-każ li tiġi ddikjarata sitwazzjoni ta' kriżi wara d-deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv f'konformità mal-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu, il-punt (q), id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu l-miżuri meħtieġa, inkluż li jimponi lill-persunal tal-Aġenzija t-twettiq tal-attivitajiet tagħhom biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi jew biex tiġi ppreservata s-sigurtà tal-infrastrutturi u tal-operazzjonijiet tas-sistemi spazjali tal-Unjoni.

Artikolu 31

Il-ħatra u l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv u tal-Viċi Direttur Eżekuttiv

1. Id-Direttur Eżekuttiv u l-Viċi Direttur Eżekuttiv għandhom jiġu rreklutati bħala membri temporanji tal-persunal tal-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 2, il-punt (a), tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg.

2. Id-Direttur Eżekuttiv u l-Viċi Direttur Eżekuttiv għandhom jinħatru mill-Bord Amministrattiv abbażi tal-mertu u tal-ħiliet amministrattivi u maniġerjali ddokumentati, kif ukoll abbażi tal-kompetenza u tal-esperjenza rilevanti, minn lista ta' mill-inqas tliet kandidati proposti mill-Kummissjoni, wara proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti, wara l-pubblikazzjoni ta' sejħa għal espressjonijiet ta' interess f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

3. Il-kandidat li jintgħażel mill-Bord Amministrattiv għall-kariga ta' Direttur Eżekuttiv jista' jiġi mistieden mal-ewwel opportunità biex jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-Parlament Ewropew u biex iwieġeb mistoqsijiet mill-membri tiegħu.

4. Il-President tal-Bord Amministrattiv għandu jirrappreżenta lill-Aġenzija għall-iskop li jikkonkludi l-kuntratt tad-Direttur Eżekuttiv u tal-Viċi Direttur Eżekuttiv. Il-Bord Amministrattiv għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu għall-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv u tal-Viċi Direttur Eżekuttiv b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu.

5. Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv u tal-Viċi Direttur Eżekuttiv għandu jkun ta' 5 snin. Qabel it-tmiem ta' dak il-mandat, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-prestazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv jew tal-Viċi Direttur Eżekuttiv, filwaqt li tqis il-kompiti u l-isfidi li tkun se tiffaċċa l-Aġenzija fil-ġejjieni.

6. Abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, b'kont meħud tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 5, il-Bord Amministrattiv jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv u tal-Viċi Direttur Eżekuttiv darba għal perjodu ta' żmien sa 5 snin. Kwalunkwe deċiżjoni ta' estensjoni tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv u tal-Viċi Direttur

Eżekuttiv għandha tiġi adottata b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Bord Amministrattiv. Wara li jkun ġie estiż il-mandat ta' Direttur Eżekuttiv u ta' Viċi Direttur Eżekuttiv, dawn ma jkunux jistgħu jipparteċipaw fi proċedura tal-għażla għall-istess kariga.

7. Il-Bord Amministrattiv għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bl-intenzjoni tiegħu li jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv. Qabel l-estensjoni, id-Direttur Eżekuttiv jista' jiġi mistieden biex jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitati rilevanti tal-Parlament Ewropew u biex iwieġeb il-mistoqsijiet tal-membri tagħhom.

8. Il-Bord Amministrattiv jista' jneħħi lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Viċi Direttur Eżekuttiv mill-kariga tagħhom, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni jew abbażi ta' terz tal-membri tiegħu, permezz ta' deċiżjoni adottata b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu.

9. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jistiednu lid-Direttur Eżekuttiv għal skambju ta' fehmiet dwar il-ħidma u l-prospetti tal-Aġenzija, inkluż fir-rigward tal-programmi ta' ħidma pluriennali u annwali. Dak l-iskambju ta' fehmiet ma għandux ikun fuq kwistjonijiet marbuta mal-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà.

Artikolu 32

Esperti nazzjonali sekondati u persunal ieħor

1. L-Aġenzija tista' tagħmel użu minn esperti nazzjonali sekondati u persunal ieħor mhux impjegat mill-Aġenzija, kif ukoll, skont l-Artikolu 39(2), esperti nazzjonali minn pajjiżi terzi u minn organizzazzjonijiet internazzjonali li jipparteċipaw fil-ħidma tal-Aġenzija. Dawk l-esperti għandu jkollhom approvazzjoni tas-sigurtà adatta għall-klassifikazzjoni tal-informazzjoni li jittrattaw. Ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra ma għandhomx japplikaw għal tali persunal.

2. L-Aġenzija tista' tagħmel użu minn persunal mill-Istati Membri li jkunu interessati u disponibbli għal stazzjonament għal żmien qasir ta' mhux aktar minn sentejn, meta dan ikun meħtieġ biex jiġu ffaċċjati l-ogħla livelli ta' xogħol jew sitwazzjonijiet urġenti li jaffettwaw il-kontinwità tas-servizzi. Lista nazzjonali preliminari tal-persunal operazzjonali disponibbli għal stazzjonamenti għal żmien qasir għandha tiġi pprovduta lill-Aġenzija fuq bażi annwali. L-Istati Membri jistgħu jaġġornaw il-lista fi kwalunkwe mument u jikkomunikaw tali aġġornament bil-miktub lill-Aġenzija.

3. Il-Bord Amministrattiv għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi regoli dwar l-issekondar ta' esperti nazzjonali lill-Aġenzija, inkluż għal stazzjonament għal żmien qasir.

Artikolu 33

Privileġġi u immunitajiet

Il-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea mehmuż mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandu japplika għall-Aġenzija u għall-persunal tagħha.

Kapitolu 5

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 34

Ftehimiet ta' akkoljenza tal-kwartieri ġenerali u tal-uffiċċji lokali

1. Il-ftehim dwar il-kwartieri ġenerali konkluż bejn l-Aġenzija u l-Istat Membru fejn tkun tinstab is-sede tal-Aġenzija għandu jistabbilixxi l-arranġamenti ta' akkoljenza li jikkonċernaw l-akkomodazzjoni li għandha tiġi pprovduta għall-Aġenzija fl-Istat Membru ospitanti fejn tkun tinstab is-sede tal-Aġenzija u l-faċilitajiet li għandhom isiru disponibbli minn dak l-Istat Membru flimkien mar-regoli speċifiċi applikabbli fl-Istat Membru ospitanti għad-Direttur Eżekuttiv, il-membri tal-Bord Amministrattiv, il-persunal tal-Aġenzija u l-membri tal-familji tagħhom u persunal ieħor u l-membri tal-familji tagħhom użati mill-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 32.

2. Fejn ikun meħtieġ għall-operat ta' uffiċċju lokali stabbilit f'konformità mal-Artikolu 13(2), għandu jiġi konkluż ftehim ta' akkoljenza bejn l-Aġenzija u l-Istat Membru kkonċernat fejn ikun jinstab l-uffiċċju lokali wara li tinkiseb l-approvazzjoni tal-Bord Amministrattiv.

3. L-Istati Membri ospitanti tal-Aġenzija għandhom jipprovdu l-aqwa kundizzjonijiet possibbli biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel u effiċjenti tal-Aġenzija, inklużi edukazzjoni skolastika multilingwi u b'orjentazzjoni Ewropea u konnessjonijiet xierqa tat-trasport.

Artikolu 35

Arranġamenti lingwistiċi

1. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1[(20)] għandu japplika għall-Aġenzija.

2. Is-servizzi ta' traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament tal-Aġenzija għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 36

Trasparenza u komunikazzjoni

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[(21)] għandu japplika għad-dokumenti miżmuma mill-Aġenzija.

2. L-ipproċessar ta' data personali mill-Aġenzija għandu jkun soġġett għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[(22)] u għar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[(23)].

---

(20) Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi l-lingwa li għandha tintuża mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 17, 6.10.1958, p. 385, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1958/1(1)/2013-07-01).

(21) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj).

Artikolu 37

Protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata u ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata

1. Wara li tikkonsulta lill-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tadotta r-regoli tas-sigurtà tagħha stess. Dawk ir-regoli għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji u r-regoli stipulati fir-regoli tas-sigurtà tal-Kummissjoni għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-Unjoni Ewropea (IKUE) u informazzjoni sensittiva mhux klassifikata u għandhom jinkludu dispożizzjonijiet għall-iskambju ta' tali informazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-ipproċessar u l-ħażna ta' tali informazzjoni kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443[(24)] u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444[(25)].

2. Il-Bord Amministrattiv għandu jadotta r-regoli tas-sigurtà tal-Aġenzija b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri votanti tiegħu wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni.

3. Il-membri tal-Bord Amministrattiv, id-Direttur Eżekuttiv, l-esperti esterni li jieħdu sehem fi gruppi ta' ħidma *ad hoc*, u l-membri tal-persunal tal-Aġenzija għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità skont l-Artikolu 339 TFUE, anke wara t-terminazzjoni ta' dmirijiethom.

4. L-Aġenzija tista' tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-kompiti tagħha mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri u, meta jkun xieraq, mal-istituzzjonijiet, mal-korpi, mal-uffiċċji u mal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni. Kwalunkwe arranġament amministrattiv konkluż għal dak il-għan fir-rigward tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (EUCI, EU classified information) jew, fin-nuqqas ta' tali arranġamenti, kwalunkwe rilaxx *ad hoc* eċċezzjonali ta' EUCI, għandu jkun irċieva l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni.

Artikolu 38

Responsabbiltà

1. Ir-responsabbiltà kuntrattwali tal-Aġenzija għandha tkun regolata mil-liġi applikabbli għall-kuntratt inkwistjoni.

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha l-ġuriżdizzjoni li taqta' sentenzi skont kwalunkwe klawżola ta' arbitraġġ li tinstab f'kuntratt konkluż mill-Aġenzija.

---

(22) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/45/oj).

(23) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

(24) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/443/oj).

(25) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/444/oj).

3. Fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Aġenzija, f'konformità mal-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri, għandha tagħmel tajjeb għal kwalunkwe dannu kkawżat mid-dipartimenti tagħha jew mill-aġenti impjegati magħha fit-twettiq ta' dmirijiethom.

4. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġuriżdizzjoni f'tilwimiet fuq kumpens għad-dannu msemmi fil-paragrafu 3.

5. Ir-responsabbiltà personali tal-persunal tagħha lejn l-Aġenzija għandha tkun irregolata mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal jew fil-Kundizzjonijioet tal-Impjieg li japplikaw għalihom.

Artikolu 39

Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali

1. L-Aġenzija għandha tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali li jkunu daħlu fi ftehimiet internazzjonali mal-Unjoni għal dan il-għan.

2. Skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet internazzjonali msemmija fil-paragrafu 1, għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti li jispeċifikaw, in-natura, il-firxa u l-mod li bih il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kkonċernati għandhom jipparteċipaw fil-ħidma tal-Aġenzija. Dawk l-arranġamenti għandhom jinkludu dispożizzjonijiet relatati mal-parteċipazzjoni fl-inizjattivi meħuda mill-Aġenzija, mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji u mal-persunal. Fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-persunal, dawk l-arranġamenti għandhom jikkonformaw mar-Regolamenti tal-Persunal. Meta jkun rilevanti, l-arranġamenti għandhom jistabbilixxu wkoll id-dispożizzjonijiet dwar l-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni.

3. Il-Bord Amministrattiv għandu jadotta strateġija dwar ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, fil-qafas tal-ftehimiet internazzjonali msemmija fil-paragrafu 1, fir-rigward ta' kwistjonijiet li għalihom tkun kompetenti l-Aġenzija.

4. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, l-Aġenzija taġixxi skont il-mandat tagħha u l-qafas istituzzjonali eżistenti billi tikkonkludi arranġament ta' ħidma xieraq mad-Direttur Eżekuttiv.

Artikolu 40

Kunflitt ta' interessi

1. Il-membri tal-Bord Amministrattiv, tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, id-Direttur Eżekuttiv, il-Viċi Direttur Eżekuttiv, l-esperti nazzjonali ssekondati u l-osservaturi għandhom jagħmlu dikjarazzjoni tal-impenji u dikjarazzjoni tal-interessi fejn jindikaw l-assenza jew l-eżistenza ta' kwalunkwe interess dirett jew indirett li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom. Dawk id-dikjarazzjonijiet għandhom:

   (a) ikunu akkurati u kompluti;

(b) isiru bil-miktub mad-dħul fis-servizz tal-persuni kkonċernati;

(c) jiġġeddu kull sena; u

(d) jiġu aġġornati kull meta jkun meħtieġ, b'mod partikolari fil-każ ta' tibdil rilevanti fiċ-ċirkostanzi personali tal-persuni kkonċernati.

2. Qabel kwalunkwe laqgħa li jridu jattendu, il-membri tal-Bord Amministrattiv, tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, id-Direttur Eżekuttiv, il-Viċi Direttur Eżekuttiv, l-esperti nazzjonali ssekondati, l-osservaturi u l-esperti esterni li jipparteċipaw fi gruppi ta' ħidma *ad hoc* għandhom jiddikjaraw b'mod akkurat u komplut l-assenza jew l-eżistenza ta' kwalunkwe interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom fir-rigward ta' kwalunkwe punt fuq l-aġenda u, jekk ikun jeżisti tali interess, għandhom jastjenu milli jipparteċipaw fid-diskussjoni u milli jivvotaw dwar tali punti.

3. Il-Bord Amministrattiv u l-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għandhom jistabbilixxu, fir-regoli ta' proċedura tagħhom, l-arranġamenti prattiċi għar-regoli dwar id-dikjarazzjoni tal-interessi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 u għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess.

Artikolu 41

Rapportar u evalwazzjoni

1. Kull 5 snin, l-Aġenzija għandha tibgħat lill-Kummissjoni rapport dwar it-tħaddim ta' dan ir-Regolament.

2. Mhux aktar tard minn 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u kull 5 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tikkummissjona evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-Aġenzija fir-rigward tal-objettivi, tal-mandat, tal-kompiti, tal-governanza u tal-postijiet tagħha f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni għandha tindirizza l-ħtieġa possibbli li jiġi modifikat il-mandat tal-Aġenzija u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe tali modifika. Hija għandha tindirizza wkoll il-politika tal-Aġenzija dwar il-kunflitti ta' interess u l-indipendenza u l-awtonomija tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà. Il-Kummissjoni tista' tevalwa wkoll il-prestazzjoni tal-Aġenzija biex tivvaluta l-possibbiltà li tinkarigaha b'kompiti addizzjonali.

3. Fl-okkażjoni ta' kull tieni evalwazzjoni li ssir f'konformità mal-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-riżultati miksuba mill-Aġenzija wara li tikkunsidra l-objettivi, il-mandat, il-governanza u l-kompiti tagħha, inkluża valutazzjoni ta' jekk il-kontinwazzjoni tal-Aġenzija tkunx għadha ġustifikata fir-rigward ta' dawn l-objettivi, il-mandat, il-governanza u l-kompiti.

4. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bord Amministrattiv dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni. Is-sejbiet tal-evalwazzjoni għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku.

Kapitolu 6

Dispożizzjonijiet Tranżizzjonali u Finali

Artikolu 42

Arranġamenti tranżizzjonali

1. L-Aġenzija kif irregolata b'dan ir-Regolament għandha tkompli bl-operazzjonijiet u l-attivitajiet tal-Aġenzija skont ir-Regolament (UE) 2021/696 fir-rigward tas-sjieda, tal-ftehimiet, tal-obbligi legali, tal-kuntratti ta' impjieg, tal-impenji u tal-obbligazzjonijiet finanzjarji kollha.
2. Id-Direttur Eżekuttiv maħtur skont l-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu jibqa' fil-kariga u jeżerċita d-dmirijiet tad-Direttur Eżekuttiv kif imsemmi fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament għall-bqija tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv.
3. Il-membri tal-Bord Amministrattiv u l-membri supplenti tagħhom maħtura skont l-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) 2021/696 għandhom jibqgħu fil-kariga u jeżerċitaw il-funzjonijiet tal-Bord Amministrattiv kif imsemmi fl-Artikolu 9 u fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament għall-bqija tal-mandat tagħhom.
4. Il-membri tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà maħtura skont l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2021/696 għandhom jibqgħu fil-kariga u jeżerċitaw il-funzjonijiet tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà kif imsemmi fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament għall-bqija tal-mandat tagħhom.

Artikolu 43

Emendi

L-Artikoli 29, 34 sa 42 u 70 sa 99 tar-Regolament (UE) Nru 2021/696 huma mħassra.

Artikolu 44

Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
2. Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
[...]	*[...]*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Servizzi Spazjali li jemenda r-Regolament (UE) 2021/696.

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

02 Kompetittività, prosperità u sigurtà.

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. *Objettiv(i) ġenerali*

Objettiv Ġenerali 1 – Jistabbilixxi l-kompiti u r-regoli ta' operat tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Servizzi Spazjali, biex jipprovdi ċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali meħtieġa għal ippjanar fit-tul effettiv u operazzjoni lil hinn mill-perjodi tal-QFP.

1.3.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Objettivi speċifiċi

Objettiv Speċifiku 1 – Jiżgura grad għoli ta' sigurtà għall-attivitajiet spazjali tal-Unjoni.

Objettiv Speċifiku 2 – Jappoġġa l-implimentazzjoni tal-komponenti spazjali tal-Unjoni.

Objettiv Speċifiku 3 – Irawwem l-adozzjoni mis-suq tal-informazzjoni, is-servizzi u d-data pprovduti għal dawk il-komponenti.

1.3.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Ir-Regolament huwa mistenni li jipprovdi bażi legali ċara għall-Aġenzija bħala l-Aġenzija tal-Unjoni li tappoġġa l-implimentazzjoni tas-sistemi spazjali u l-politika spazjali skont ir-Regolament FEK propost. Id-dežinjazzjoni ta' kompiti u regoli ta' operat ċari għandha l-għan li tipprovdi ċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali meħtieġa għal ippjanar fit-tul effettiv u l-kontinwità tal-operazzjonijiet lil hinn mill-perjodi tal-QFP.

1.3.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

L-effettività tar-Regolament propost, fir-rigward tal-objettiv speċifiku nru 1, se tiġi ddeterminata abbażi tal-għadd ta' komponenti spazjali akkreditati b'suċċess, ir-rispett tal-istandards tas-sigurtà tal-UE, u l-frekwenza u l-effettività tal-awditi tas-sigurtà mwettqa fuq is-sistemi operazzjonali.

L-effettività tar-Regolament propost, fir-rigward tal-objettiv speċifiku nru 2, se tiġi ddeterminata abbażi taż-żieda fil-bażi tal-utenti u s-sehem mis-suq għas-servizzi spazjali tal-UE, kif ukoll l-għadd ta' sħubijiet u kollaborazzjonijiet ġodda ffurmati man-negozji u l-entitajiet tar-riċerka.

L-effettività tar-Regolament propost, fir-rigward tal-objettiv speċifiku nru 3, se tiġi ddeterminata abbażi tat-tnaqqis fil-ħin ta' interruzzjoni u ż-żieda fl-affidabbiltà tas-

sistemi u tas-servizzi spazjali, kif ukoll tar-rata ta' aġġornamenti b'suċċess u titjib tas-sistema implimentati kull sena.

L-effettività ġenerali tar-Regolament propost se tiġi mmonitorjata permezz ta' evalwazzjonijiet perjodiċi tal-Aġenzija li għandhom jinbdew mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, peress li r-Regolament propost huwa marbut mal-proposta għar-Regolament FEK, dan tal-aħħar jipprevedi l-monitoraġġ tiegħu permezz tal-qafas ta' prestazzjoni għall-QFP 2028-2034, li huwa kopert fi proposta separata.

1.4. **Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':**

☐ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja** (1)

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☑ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Bħall-aġenziji deċentralizzati l-oħra tal-UE, l-Aġenzija ma għandhiex tkun soġġetta għal limitu ta' żmien ta' 7 snin peress li l-attivitajiet tagħha huma mfassla biex ikomplu lil hinn miċ-ċikli finanzjarji. Il-proposta kurrenti se tipprovdi lill-Aġenzija b'att ta' twaqqif awtonomu mingħajr limitazzjoni taż-żmien li jippermettilha topera b'mod effettiv u effiċjenti kif ukoll tintegra kompiti ġodda bla xkiel.

Il-kompiti tal-Aġenzija huma deskritti fl-Artikolu 4 u huma maqsuma fi tliet gruppi: il-kompiti proprji tal-Aġenzija elenkati fil-paragrafu 2, u l-kompiti li l-Kummissjoni għandha tafda lill-Aġenzija elenkati fil-paragrafu 3, huma t-tnejn kompiti li l-Aġenzija bħalissa twettaq. It-tielet grupp ta' kompiti elenkati fil-paragrafu 4 juri l-evoluzzjoni tal-Aġenzija u huma dawk il-kompiti li l-Kummissjoni għandha tafda lill-Aġenzija soġġett għall-prontezza operazzjonali tagħha u fejn ikun meħtieġ għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi rilevanti biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

L-objettiv ta' din il-proposta ma jistax jintlaħaq fil-livell tal-Istat Membru. Din l-inizjattiva hija meħtieġa biex tipprovdi lill-Aġenzija qafas legali ċar u tħejji t-triq għal rwol usa' kurrenti u futur. Min-natura tagħhom, minħabba li huma marbuta mal-programmi spazjali tal-Unjoni, il-kompiti tal-Aġenzija jistgħu jitwettqu biss fil-livell tal-UE. L-adozzjoni ta' Regolament awtonomu hija meħtieġa biex l-Aġenzija tkun tista' tindirizza l-isfidi kurrenti u futuri, u jkollha deskrizzjoni ċara tal-kompiti proprji, u l-kompiti fdati jew fil-proċess li jiġu fdati lill-Aġenzija permezz ta' diversi proposti leġiżlattivi (eżistenti jew li qed jitħejjew).

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

(1) Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-proposta kurrenti hija wkoll ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni fil-kuntest tar-rieżami *Interim*, li kkonkluda li l-prestazzjoni ġenerali tal-Aġenzija hija tajba, u qed tilħaq il-miri kollha tagħha, fejn qed tipprovdi valur uniku f'diversi oqsma ewlenin.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-baġit propost huwa kompletament konformi mal-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP 2028-2034.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

mhux applikabbli.

1.6. **Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha**

☑ **durata limitata**

☑ fis-seħħ mill-1.1.2028 sal-31.12.2034

☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata mhux limitata**

Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. **Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)**[(2)]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☑ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati);

☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

☑ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku;

☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;

(2) Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx.

